IT-XXIII SENA APRIL-SETTEMBRU 1953. GHADD 266-271

# Leħen il-Malti

The Royal University of Malta

ALL SORTS OF EDUCATIONAL AND ECCLESIASTICAL BOOKS

CAN BE OBTAINED FROM

## A. C. AQUILINA & CO.

45D, KINGSWAY, VALLETTA.

---

## PAUL TALIANA

WATCH - MAKER AND REPAIRER

24, St. JOHN STREET — VALLETTA.

A Large Assortment of Watches and First Class Repairing.

---



# LEHEN IL-MALTI

IT-XXIII SENA APRIL-SETTEMBRU 1953 GĦADD 266-271

DAN IL-GĦADD FIH:

L-EDITUR: It-Talba F'Ippona — V. V. BARBARA O.P.: Gulju Ċesri — P. MARIANUS VELLA O.F.M.: Twieqi Miftuħa — ANT. BUTTIGIEG: Iż-Żarbun tad-Dardanelli — A. CREMONA: Id-Dakra — A. FARRUGIA: "Dun Karm" u Joċè Maria Peman — E. AGIUS: *Venezja* — DUN F. CAMILLERI: *Xeerqat Miksura* — G. ZAMMIT: *Saltnati* — DUN F. CAMILLERI: *Ward u Ward* — P. MARIANUS VELLA O.F.M.: *Fil-Beraħ tar-Raba'* — E. AGIUS: *Żell-am-see* — JOS. MEILAK: L-Impressjoniżmu — C. LIA: "Melodiji u Kuluri" ta' G. Pisani — A. CREMONA: Omnibus — Ġ. CASSAR PULLICINO: Żieda ta' Kliem u Tifsir — G. FALZON: Il-Poeżija ta' Betlehem — D.F.C.: Reċensjoni.

# It-Talba F'Ippona —

## Laurent Ropa Poeta Qawwi

*Laurent Ropa, magħruf ħafna hawn Malta bħala l-kittieb Franċiż li ħa sehem fid-difiża ta' Isien art twelidna meta dan kien imkażbar mill-Faxxisti u ħbiebhom skond il-politika tagħhom irredentista fil-Mediterran, raġa' ħareġ ktieb ieħor ta' poeżija. Ta' qablu "Le Jardin de l'Allelek" ħareġ fis-sena 1950, erba' snin wara l-pubblikazzjoni tal-poema tiegħu "Notre-Dame-de-la-Vie". X'uħud mill-qarrejja tagħna jafuh ukoll bħala rumanzier ta' fantażija tbaqbaq. Dawk li ma jafux bil-Franċiż qrawh fit-traduzzjoni bil-Malti tar-rumanz tiegħu "Le Chant de la Noria" (L-Għanja tas-Sienja) li jiena xandart fil-Berqa mit-30 ta' Diċembru 1952 sa' l-4 ta' Frar, 1953.*

*Qrajt l-aħħar xogħol poetiku ta' Ropa bl-akbar pjaċir, dak il-pjaċir fin, spiritwali li jinsab fir-Reliġjon u l-Arti biss. Għax x'inhi l-Arti, fl-aħħar mill-aħħar, jekk mhux warda l-aktar friska mil-ġnien tar-Reliġjon, dokument tal-aspirazzjonijiet umani l-aktar profondi u l-aktar ġewwenin għal ruħ il-Bniedem? Bejn Reliġjon u Poeżija ġenwina hemm rabta naturali — ir-rabta tal-qraba — it-tnejn żewġ wardiet mistiċi tal-ġenju tal-Bniedem, it-tnejn tifwir jaħraq mill-qalb sħuna tal-umanità, mġenna l-ħin kollu mid-deħra tal-Gmiel wis-Sewwa li jitwaħħdu bħal żewġ raġġi f'Xemx waħda — ix-xemx li hija Alla.*

*Ma jimpurtax li ħafna jaqtgħu l-ankri minn mar-reliġjon. Il-bniedem jidhirlu biss li ma hux reliġjuż. L-irreliġjosità tiegħu hija illużżjoni — ma hix verita' u meta jaħseb li hija jitqarraq. Għax lanqas il-bniedem ma jifhem lilu nnifsu. Il-ħolqien tal-ġmiel, l-għatx għas-Sewwa, ix-xewqa għal dak kollu li hu sabiħ, huma bħal ħjut imżarrda mit-tapizzerija tar-reliġjon — il-poeżija anti-reliġjuża jew*

*newtrali fiha wkall element qawwi ta' reliġjon, reliġjon umanistika, li għal fejn ir-reliġjon vera, tixbah lil xoqqa magħmula minn ħjut imżarrda minn xoqqa oħra. Imma hi dejjem "reliġjon". Il-poeżija ta' Ropa din id-darba hija reliġjuża u awtobijokrafika — jew aħjar hija poeżija mistika li trid tarġa' tgħaqqad tixniq ir-ruħ imħabbta mal-Għajn li taqta' dan l-għatx—l-Għajn ta' lil hinn mill-qabar. Imma ma kienx hekk minn dejjem għal Ropa ħaddiem tal-kelma — kien hemm żmien, kif naqraw fl-aħħar poema "La Prière à Hippone", il-poeżija li minnha Ropa ħareġ it-titolu tal-ktieb, żmien meta huwa ma rabatx tixniq ir-ruħ mal-għajn li setgħet ixxebbgħu, u baqa' bil-ġuħ u bil-għatx sa ma.... Imma ma naqbdux mit-tarf. Nibdew mill-bidu nett. Nisimgħu lill-poeta nnifsu jintroduċi l-poeżija tiegħu, u jagħtiha l-messaġġ tagħha.*

*Isimgħu n-nota tal-għaja ta' min ħareġ mit-triq biex jipprova triqat oħra u għax sabhom imħattbin u jiehdu żmerċ, raġa' għat-triq ta' darba.... dik it-triq li ħafna minna jitilfu f'żgħożithom u jerġgħu jsibuha fi rġulithom bħalma sabha l-poeta tagħna. Naqleb l-ewwel erba' versi:*

Għannejt sal-lum u lanqas naf għaliex,
U lanqas naf għal min, u leħni dgħajjef
Intilef ġo l-isqaq ta' dlam il-bniedem.....
'Mma lbieraħ kellna ż-żjara ta' Ġesù.

*Dawn l-ewwel erba' versi huma l-muftieħ tal-Muża ta' Ropa fis-snin ta' fil-għaxija, meta r-ruħ imġarrba tinġabar ġo fiha, tgħaddi l-warrani ġrajja wara l-oħra u taqleb minn triq għal oħra... it-triq li tgħallem l-esperjenza tal-ħajja, it-triq tal-ħelsien tassew, it-triq li tinfed x'imkien. "Fil-Għaxija" dan huwa t-titolu ta' poeżija proża li għandha l-qawwa ta' poeżija mill-isbaħ, libera għax mhix imxekkla mill-irbit tar-rima u qisien ta' versi ndaqs. Hija proża poetika fil-għamla u poeżija pura fl-essenza tagħha. Inġibha bil-Malti u sa fejn nista' nżomm id-daqqa tar-ritmu li fil-Franċiż jagħtiha x-xejra ta' melodija salmodika, imlewwna b'tixbih oriġinali. Nisimgħuha fi lsienna: Igħid il-poeta:— "Nixtieq narġa' nidħol ma ndumx ġewwa dari; għax ara, sar il-lejl.*

*Xi ħlewwa wara ġurnata xogħol iebes tarġa' tidħol id-dar, tarġa' tinġabar taħt it-tinda tiegħek! Hemmhekk ġismek għajjien jarġa' jistejqer, ruħek mifluġa u mudlama tarġa' tieħu saħħitha u titqawwa bħal ġamar ta' ġol-kenur meta n-nar jonfoħ fih.*

*Issa jiena xbajt nitħabat u niġri, xogħli temmejtu.*

*Minn fil-għodu sa fil-għaxija stinkajt insaqqi l-art ħawlija u mxarrba bil-għaraq ta' ġbini. Mitt proġett fieragħ wieħed wara l-ieħor kollha tawni x'nagħmel ħafna, u għal ftit tal-ħin ħawwlu fija ħeġġa għaddiena. Issa ħlejt saħħti ngħodd il-kwiekeb li Alla ta' kull filgħaxija jitlaq fil-mergħat tas-sema; ngħodd il-qatriet tal-Oċejani w il-frak tar-ramel tad-deżert. Għax x'ma ppruvajtx nagħmel, infittex*

*u noħlom sa issa? U fejn ma kellix il-ħila nasal? Fuq liema xtajta ma wassaltx l-inkwiet tiegħi? Liema gżira u liema blata bogħod kemm hija l bogħod ma tlabthomx igħiduli s-sigriet tagħhom? Liema għammieq tal-baħar u tal-art? Liema quċċata, liema traba, liema kewkba, u liema atomu tal-univers? U issa għajjien mill-ġiri għal għonq it-triqat tal-pjaneta, qalbi maħruqa b'tama ġdida, intfajt fl-ispazji verġni, fil-pjanuri maħruta minn xibka tal-biża' ta' mogħdijiet bla tarf fejn ix-xmux iduru f'sikta eterna u majestuża u fejn kull ħolma tal-bnedmin tinġazza u tgħib.*

*U arani issa rġajt waqajt fuqi nnifsi.*

*Tmur fejn tmur, tiġri fejn tiġri, tara x'tara, inti dejjem taqa' fuqek innifsek.*

*U issa xbajt nitħabat u niġri."*

*U hekk il-poeta fisser lill-qarrejja tiegħu l-għaliex f'din il-poeżija ta' filgħaxija huwa ser jarġa' jaqa' fuqu nnifsu u jibda fejn beda qabel qabad triq oħra li begħditu....*

*Għax qal sewwa ħafna l-Poeta "titħabat kemm titħabat u tiġri kemm tiġri 'l barra mit-triq li tkun bdejt timxi fiha, xi darba jkollok tarġa' lura għaliha u tfittex ġo fik dak li d-dinja ma tagħtikx."*

*It-tielet poeżija "Sur Le Front D'un Viellard" twettaq il-programm spiritwali tal-poeta — il-ġlieda harqiena għas-Sewwa, is-sewwa mitluf u darb'oħra misjub fi triq li darba waħda kienet hekk qrib u li wara dehret il-bogħod ħafna. F'dil-poeżija tingħad il-ġrajja ta' bniedem li xjieħ ifittex il-hena u sabha sa fl-aħħar fejn kien telaqha darba. Igħid ix-Xiħ, għajjien f'din il-tiftixa twila:—*

J'au vu sur la montagne un grand feu de bergers :
Le feu brûlait les os et les ailes de l'ange
Et les hommes chantaient un chant d'amour étrange.

*Viżjoni apokalittika tas-Sewwa li xi drabi l-Bniedem isib għall-anqas fi xjuħitu — "in-nar kbir tar-rgħajja—" immaġini evanġelika mill-aħbar ta' twelid il-Messija lir-rgħajja meta dawn kienu miġbura jissaħħnu madwar nar kbir.*

*Ir-Raba' poeżija "A Mon Chant" qisha għal Ropa dik li "Non Omnis Moriar" hija għal Dun Karm—biss wisq iżjed persunali għax tiġbor fiha ħafna tifkiriet minn ħajtu, tifkiriet għal issa nofs mik-xufa, iżjed 'il quddiem fl-aħħar poeżiji mikxufin għal kollox bħal kieku ried iqerr dnubietu mhux biss ma' Alla—ras imb-ras—imma mal-bnedmin ukoll. Il-poeta huwa l-bniedem imħabbat minn dehra ta' Ġmiel u Sewwa li d-dinja ma tridx taf bihom. Tiftakar xi jgħid il-poeta Malti fil-poeżija tiegħu Anestesija?*

"X'tiswa qatt lill-kotra għajjiena
l-għanja li semmajtha jiena?
Għall-marid mhux Poeżija,
imma s-serħ t'Anestesija."

*Imma l-Muża hija wkoll leħen is-sema, u x'jimporta li hija għall-*

*kotra leħen fid-deżert la darba għall-poeta' hija dejjem leħen li għandu jinstama'? Kemm idum jistenna l-poeta? Kemm idum jaħbi l-misterju ġo fih? Kemm idewwem it-tabernaklu magħluq ġo qalbu? L-għanja jeħtieġ titgħanna. Isaqsi l-poeta lill-Għanja tiegħu:—*

Délivrons-nous, aussi, qu'attendrons-nous encore,
Mon chant? Tu es là, depuis tant de jours, captif
Dans mon sein, replié sur toi-même et craintif!

*Tifkiriet tat-tfulija ma' djul ommu f'Bona u missieru raġel taxxogħol minn Għawdex, jagħtu lill-poeta xbihat tassew imlewwna tal-immaġinazzjoni tassew sentimentali.*

*U l-awtur tar-rumanz* Le Chant de la Noria *jarġa' jiftakar fissienja fu fil-bramel li jinżlu vojta u jitilgħu mimlija. Ruħi, igħidilna l-poeta, hija bħal wieħed minn dawn il-bramel—jinżel battal u jitla mfawwar bl-ilma jiddi bil-ferħ:*

Mon âme est un de ces godets,
Et elle déborde d'eau lumineuse et joyeuse;
Mon existence est un des maillons de la chaine éternelle.

*Għall-poetà ħajtu mhix ħolqa mifruda imma waħda mill-ħoloq fil-katina tal-eżistenza. Għalhekk il-poeta mhux waħdu, il-poeta huwa l-umanità nfisha wil-muża tiegħu tfisser xewqat il-bnedmin kollha. Dan hu l-ħsieb li Dun Karm fisser f'dawn il-versi fil-Poeżija "Non Omnis Moriar":*

"U kont nistħajjel nisma'
mill-qiegħ ta' żmenijiet illum minsija
u mill-ħerba ta' bliet li kienu darba
il-qlub tad-dinja,
telgħin ilħna tal-fidda
li għannew bl-oħla kelma
is-sura tal-ħolqien u d-dija tiegħu."

*Il-poeżija tilħaq l-ilħna l-aktar moħbija fil-qiegħ taż-Żmien u ruħ il-Bniedem. Il-muża ta' Ropa ssaqsi:—*

Que vaut ma pauvre voix?
Mon art pourra-t-il atteindre ces sublimites—là?
Qui m'enseignera vos secrets, magiciens, fabricants
de mystère,
Vous musiciens des mots, orfèvres savants
Qui taillez les vers comme des diamants,
Et vous qui faites jaillir des images sous votre plume
Comme le forgeron des étincelles fugitives de son enclume?
Renonçonz plutôt!

*Il-poeta li sab ir-raġuni tal-Ġmiel fil-Fidi misjuba wara telfa twila jwieġeb: NON!*

On ne rononce pas! Ne chante pas qui veut!
Ton chant n'est pas à toi, il faut le rendre â Dieu.

*Fil-ħames għanja "Orgueil De Ma Jeunesse", għal darb'oħra*

*s-suġġett huwa l-poeżija. L-akbar ħsieb tal-poeżija u tal-poeti f'dan iż-żmien ta' ġenn—żmien ta' theddid u qirda! Fi żmien ir-rinaxximent opra ta' skultura jew pittura kienet ġrajja importanti biżżejjed biex iżżomm jitħaddtu fuqha l-kbarat tad-dinja ċivilizzata. Kien żmien il-Meċenati l-ħbieb tal-Arti u tal-Artisti. Illum żmien in-negozjant vulgari, żmien les "nouveaux riches". L-aħbarijiet tal-lum huma aħbarijiet ta' xi invenzjoni xjentifika li tkompli thedded iċ-ċiviltà mibnija mill-Ġenju tal-Bniedem tul is-sekoli. L-aħħar waħda sa issa dik li qiegħda tħasseb lil ħafna, il-Bomba Idrogena.*

*Imma l-Fama qatt ma ħabbet lill-poeti f'ħajjithom. Tabilħaqq, ftit huma dawk li bieshom ħajjin il-fomm sħun tal-Fama; u forsi kien aħjar għalihom. Għaliex il-Poeta mingħajr tbatija ma joħloqx. Il-Fama tfissed u għalhekk ħafna drabi tnixxef l-egħjun tal-ispirazzjoni. Toqtol inkwiet tar-ruħ billi ddaħħal floku sens ta' pjaċir u sodisfazzjon — sens li kollox sewwa, li issa intlaħqet il-quċċata. Imma l-poeta ma jiktebx għall-Fama, għalkemm din tħajru jagħmel sidru fit-telgħa tal-Muża. Tarġa' l-poeta lanqas ma jqis kemm għandu jikteb mis-suċċess tal-pubbliċità, ħafna drabi kummerċjali jew partiġjani.*

Je n'attends pas les bras d'un incertain succès.

*Mis-sitt poeżija* La Maison Sur La Colline, *għandna tixniq l-umanità għas-Sabiħ u għas-Sewwa mxebbaħ f'Bu Ras (Bou Ras)* le doux pasteur à la flûte ingénue *li biex jirbaħ il-ħolma jiġġieled maddlamijiet tal-Qiegħ. F'din il-poeżija immaġinattiva ħafna, għandna rappreżentazzjoni ħajja tal-Ġlidea bejn it-Tajjeb wil-Ħażin, bejn Alla u Satana, l-għadu tal-Bniedem li dan l-aħħar Papini kiteb fuqu ktieb kontroversjali ħafna.*

*Bu Ras imdejjaq jistaqsi:*

Dieu, dit-il, où sommes-nous,
Et quelle est cette nuit diabolique et infâme?

*Dlam, ħafna dlam u biża'. Imma mhux mingħajr tama—mhux mingħajr xaqq dawl:*

A de sombres reflets qui luisent vaguement,
Bou Ras connaît enfin la présence divine;

*u Bu Ras il-poeta jillibera l-Muża mill-qabar tal-Mewt:*

—Mon pouvoir est petit, ô Muse, mais je t'aime;
Dit vivement Bou-Ras ardent comme un flambeau,
Viens, suis-moi....

*U Bu Ras isib id-Dar ta' fuq il-Għolja, id-dar fejn Tarbija tilgħab b'Salib, waqt li Ommu tinsiġlu kefen tal-għażel, u Ġużeppi jagħmel sellum hekk twil "li riġlejh huma mħawla fil-lejl tal-Għar, u rasu tilħaq sas-sema fuq kewkba".*

*Dar il-Hena — Dar fuq il-Għolja. Id-Dar tal-Imsallab li feda l-ħajja wil-Poeżija.*

*Fis-seba' poeżija, waħda mill-isbaħ, imżewqa fin-nisġa tat-tixbiħ, għandna taħlita ta' elementi mitoloġiċi Indjani minsuġa ġo oħrajn*

*meħudin mill-Kristjaneżmu, u mwaħħdin kollha fl-aspirazzjonijiet tal-Bniedem f'kull żmien u f'kull art, tal-Bniedem li dejjem jixxennaq is-Sewwa wis-Sabih.*

*Vixnu, l-għadu tal-Ħażen, is-setgħa anti-djabolika tal-mitoloġija Brahminika, huwa l-Feddej mistenni li sa fl-aħħar għandu jeqred il-ħażen għal kollox. Kull meta deher daqqa ħa bixra daqqa oħra— waħda minn dawn il-bixriet, is-seba' waħda, hija ta' Rama Chandra li ġġieled u għeleb id-demonju Râvana meta dan seraqlu lil martu. Rama fil-poeżija ta' Ropa jgħid lil dawk li jżuru l-altar tiegħu:......*

Pleurons le souvenir de la maison du ciel;
Ceci est son symbole et j'entends son appel,
Suivez-moi : nous irons combattre l'Ennemi
Qui nous tient enchaînés et morts plus qu'à demi.

*Krixna huwa inkarnazzjoni ta' Vixnu li deher taħt din il-għamla* ("avatara") *biex jiġġieled kontra t-tirannija ta' Kansa, sultan aħrax li d-dinja pprotestat kontra l-moħqrija tiegħu. Krixna, l-istess Vixnu bħal Rama l-istess Vixnu wkoll taħt dehriet diversi, fil-poeżija ta' Ropa jippersonifika l-Glieda tat-Tajjeb mal-Ħażen, tal-Ħelsien mal-Jasar. Imma fejnu dan il-ħelsien li n-nies dejjem jixxenqu għalih? Dan il-ħelsien qiegħed għand Alla tal-Lhud li kellem lil Mosè u li wara ħafna snin bagħat lil Ibnu, lit-Tieni persuna, biex tifdi l-umanità. U hekk il-mitoloġija Brahminika ssib postha fit-teoloġija Nisranija. Kristu biss jista' jsib tarf ta' Satana, missier il-ħażen. Wil-poeta qalbu magħfusa qed jistennih:*

Mais je veille, ce sòir, Seigneur, je vous entends;
Mon coeur saigne d'amour et mon âme se fend.

*U fl-aħħar nilħqu l-poeżija li tat isimha lill-ktieb :* La Prière A Hippone *poeżija li għalkemm artistikament mhix l-aqwa waħda, madankollu hija l-aktar għażiża għall-poeta għax fiha ġabar il-qrara ta' ħtijietu, dik il-qrara li l-poeta jagħmel bejnu u bejn Alla, u li l-Arti tagħmel pubblika.*

*Hu destin tal-Artisti kollha li l-Arti tikxfilhom qalbhom u ruħhom. Bħal Dun Karm, il-poetà jiftakar fit-tagħlim ta' ommu. Bħal Dun Karm ġie żmien li hu tbiegħed mit-tagħlim tagħha sempliċi. Tbiegħed minnha u tbiegħed ukoll minn Kristu. Baqa' jħobbha 'l ommu imma ma baqax jaħseb b'moħħa.*

"Mon enfant, mon enfant, va faire
Tes Paques, va.... Nous ne sommes rien sur la terre
Va, va... n'y manque pas... suis le commandement—
Non ! Non ! te répliquai-je encore plus rudement,
Exaspére par ton exhortation sainte."

*Kliem għeri minn kull tiżjin stilistiku, għeri bħal qrara ta' dnub kbir li t-tifkira tiegħu twaġġa'.*

*Il-ħajja ġġarrab u tgħallem u ħafna jerġgħu jfittxu u jsibu t-triq*

il-mitlufa. Fl-għanja ta' fil-għaxija l-poeta din it-triq raġa' sabha— *it-triq tal-omm sempliċi, waħda min dawk in-nisa tagħna li, għalkemm jitwarrbu minn art twelidhom wara żewġhom li jmur jfittex il-ħobż barra, jieħdu magħhom il-Fidi ta' missirijiethom, it-tifkira tal-knisja, wil-festa tar-raħal.*

*L-aħħar poeżija tgħid il-ġrajja ta' konverżjoni fl-art tal-Affrika— fejn omm talbet għal Iben li mbagħad sar qaddis kbir: Augustin.*

*Nôtre é vêque très grand pechéour et très grand saint*

*Fit-triq sa fl-aħħar misjuba, it-triq evanġelika, il-poeta hekk niedem, ikellem lil ommu mejta għad-dinja imma ħajja lil hin mill-qabar. Darb'oħra id-dawl, ma, id-dawl tiegħek ta' darba, dak id-dawl li mingħajru tlift it-triq. Arani, ma! Jien erġajt lura fejn darba ħallejtek titlob għalija bħal Santa Monika għal Binha:— Issa:*

"Rapprends-moi, rapprends-moi les sublimes mystères!
Rapprends-moi tout, naïvement, de la Patrie...
Rapprends-moi la ferveur des maines jointes qui prient.
Rapprends-moi le front dur prosterné jusqu à la terre.

*Din l-aħħar għanja fil-ġabra ta' poeżiji ta' Laurent Ropa, il-poeta Għawdxi, li għalkemm Franza tatu t-tieni dar tiegħu u t-tieni lsien li għalih bħala kittieb sar ukoll l-ewwel ilsien, baqa' xorta waħda jħobb ir-reliġjon u l-ilsien ta' missirijietu.... li għexu f'dik id-daqsxejn ta' gżira tal-ħdura u tal-Poeżija, għalkemm hu telaqha meta kien għad għandu sentejn biss—tarbija.*

*Prièhe A Hippone huwa dokument spiritwali ta' poeta ġenwin.*

---

## TAGĦRIF LETTERARJU

Fil-"Journal of Near Eastern Studies", maħruġ mid-Dipartiment tal-"Oriental Languages and Literatures" ta' l-Università ta' Chicago, fil-Vol. 12, Nri. 1-2, deher studju bibljografiku interessanti "Bibliographical Aids to the Study of Maltese" mill-Prof. Mons. P. P. Saydon D.D., S.S. Lic., B.Lit., Bl.Can.

Fir-rivista xjentifika tal-Lingwistika "ORBIS", Bulletin International de Documentation Linguistique, li qed toħroġ l-Università ta' Louvain (Belġju), fit-Tom. II, No. 2, 1953, deher studju xjentifiku fuq il-Lessikografija Maltija "Maltese Lexicography" mill-Prof. G. Aquilina B.A., LL.D., Ph.D. (London).

# Gulju Cesri

*Ta' W. Shakespeare*

(Qlib ta' VALENTIN V. BARBARA O.P.)

(*Jaqbad mal-ghadd* 254-262).

L-EWWEL ATT

*Dehra III. Triq.*

*Ragħad u beraq. Min-naħiet biswit xulxin jidħlu* KASKA, *bix-xabla f'idu, u* ĊIĊERUN.

CICER. O Kaska, is-sliem: wassaltu d-dar lil Ċesri?
Għaliex nifsek maqtugħ? għax hekk mistagħġeb?
KASKA. Kif, ma tibżax xħin tara dinja shiħa
Titriegħed qisha rixa? O Ċiċerun!
Jien taqlib rajt, meta l-irjieħ qawwija
Qaċċtu ballut ta' saħħa, u l-baħar kburi
Jien rajtu jimla mdagħdagħ, kollu ragħwa,
Qisu jrid jilħaq is-sħabiet heddieda:
Imma bħal-lejla qatt, u qatt, ħlief issa,
Ma rajt xita ta' nar nieżla mill-għoli.
Jew qamu għal xulxin in-nies tas-sema,
Jo d-dinja, wisq imqita ma' l-allat,
Se ġġ'għalhom fl-aħħar jixħtu fuqha l-qirda.
CICER. Jaqaw rajt xi ħaġ'oħra tgħaġġbek iżjed?
KASKA. Wieħed mir-rsiera — inti tafu tajjeb —
Refa' idu x-xellugija 'l fuq, u minnha
Beda ħiereġ in-nar, u dawl hekk qawwi
Daqs ta' għoxrin ban f'daqqa, u madankollu,
Bla ħasset idu n-nar, lanqas ittiefset.
Barra minn dan, għadni bix-xabla f'idi,
Maġenb il-Kapitolju ltqajt ma' ljun,
Li ħares lejja, u baqa' sejjer kburi,
Bla ma għamilli xejn: miġbura f'kotra,
Kien hemm mitt mara fuq xulxin, musfara,
Bil-biża' mixrubin; ħalfu li raw
Irġiel tan-nar, iterrqu 'l fuq u 'l isfel.
U l-bieraħ f'nofs in-nhar l-għasfur tal-lejl.
Mar qagħ'd xi mkien fis-suq jgħajjat u jwerżaq.
Meta ħwejjeġ bħal dawn daqshekk tal-għaġeb

Jaħbtu flimkien bħal-lum, ħadd m'għandu jgħid,
"Dan hu għalhekk u għalhekk, — minn awl id-dinja;"
Għax jiena naħseb, illi jfissru deni
Għall-art li fuqha nġabru u fejn qed jidhru.

CICER. Tassew, daż-żmien jagħtik x'titħasseb bosta:
'Ma n-nies ifasslu kollox kif jogħġobhom.
Mhux ħlief ifissru kollox bil-maqlub.

KASKA. Iva, għax naf li b'għatlek lil Antonju
Biex jgħarrfek illi għada hemm ikun.

CICER. Il-lejl it-tajjeb mela, Kaska: l-ajru
Mgħaddab, mhux ta' min joqgħod barra.

KASKA. Saħħa. (*Joħroġ* CICERUN

*Jidħol Kassju.*

KASS. Min int?

KASKA Ruman.

KASS. Int Kaska, lehnek jixhdek

KASKA. Widintek tajba. Kassju, dan x'lejl hu?

KASS. Lejl sabiħ ħafna għal min hu raġel sewwa.

KASKA. Min basar qatt li s-sema jagħdab hekk?

KASS. Kull min għaraf li l-art mimlija ħażen.
Jien, ngħid għalija, ħriġt indur mat-toroq,
Ftit ħabbilt rasi minn dal-lejl tal-biża'.
U hekk imperreċ, Kaska, kif qed tara,
Kxift sidri għas-sajjetti; u meta l-beraq
Serrep minn lewn in-nir u deh'r qed jiftaħ
Sider is-sema, jien mort quddiemu
Fejn sata' jaħbat, sa fejn sata' jħeġġeġ .

KASKA. Għaliex qed tinbex is-smewwiet? Il-bniedem
Jeħtieġlu jibża' wisq, għandu jitriegħed
Meta l-allat setgħana jibagħtulna
Ħwejjeġ bħal biex nidħlu ġo qoxritna.

KASS. Kemm int fil-għama, Kaska; ix-xrar tal ħajja
Ta' qalb Rumana mhumiex fik, jonkella
Ma tħaddimhomx. Int sfajjar, ħarstek wieqfa,
Il-biża' ħatfek, sirt mixrub bil-għaġeb
Kif rajt nuqqas ta' sabar fis-smewwiet:
Iżda jekk tgħarrex ftit xinhija l-ħtija
Ta' dan-nirien, ta' dal-ħorsien ma' l-ajru,
Ta' dat-tibdil ta' bhejjem u t'agħsafar,
Ta' dil-bluha fix-xjuħ u d-deh'n fit-tfal,

Xi fdal ta' min jarmih, ladarba taqdi
Ta' mezz hekk ġiefi biex tkun tista' ddawwal
Maħluq hekk baxx bħal Ċesri! Imma, oh niket,
Fejn qatt wassaltni? Għandi mnejn ftaħt fommi
Quddiem min huwa rsir minn rajh, u jkolli
Inwieġeb għal li għidt; 'ma jien armat,
W għalija jiġri x'jiġri xorta waħda.
KASKA. Ma' Kaska qed titkellem, u ma' bniedem
Li dan għalih mhux ċajt. Ħa, ħudli b'idi:
Int aħdem għall-ħelsien minn dan il-madmad,
F'dil-biċċa xogħ'l inkun minn ta' quddiem
Daqs l-aqwa wieħed.
KASS. Mela ft'hemna sewwa.
Issa, Kaska, kun af li jien webbilt
Għadd ċkejken ta' Rumani mill-aħjar
Sabiex jindaħlu miegħi f'biċċa xogħol
Imwiegħra ħafna, għad li wisq ta' ġieh;
U naf li bħal dal-ħin qed jistennewni
Fil-portku ta' Pompew: għax f'lejl bħal dan
Mhux ta' min jiġri barra fit-triqat;
Id-dehra tas-smewwiet qisha bħall-ħidma
Li għandna taħt idejna, xogħ'l ta' demm,
Għamil ta' nar, ħidma waħxija ħafna.
KASKA. Ersaq ftit 'l hawn, riesaq xi ħadd imgħaġġel.
KASS. Cinna; għaraftu sew mill-mixja tiegħu:
Dan hu ħabib.

*Jidħol CINNA .*

Cinna, fejn sejjer tgħaġġel?
CINNA. Infittex lilek. Dak? Matellu Cimber?
KASS. Le,, Kaska dan; wieħed indaħħal magħna
Għal dak ix-xogħ'l. Qed jistennewni, Cinna?
CINNA. Nifraħlek. Dan x'lejl hu! Xi tnejn jew tlieta
qalu li raw dehriet tassew tal-għaġeb.
KASS. Qed jistennewni? Għidli.
CINNA. Iva, iva.
O Kassju, mhux li kont
Tista' tiġbed għal magħna n-nobbli Brutu —
KASS. Bil-mod: Ja twajjeb Cinna, ħa dil-karta,
U qis li tq'għedha f'maqgħad l-imħallfin,
Fejn Brutu biss isibha; u din itfagħha
Mit-tieqa tiegħu; waħħal din bix-xama'
Ma xbihet Brutu x-xiħ: imbagħ'd ilhaqna
Fil-portku ta' Pompew, fejn int issibna.
Decju Brutu u Trebonju hemm qegħdin?

Għaliex f'dal-ħwejjeġ kolħa nqalbu l-ħajja,
In-natura u s-setgħat lilhom mogħtija,
U saru għoġbijiet, għandek issib
Li s-sema nnifsu mliehom b'din il-qawwa,
Biex ikunulna għodda ta' theddida
U biża' ta' żmien ikraħ.
Issa jien, Kaska, nista' nsemmi bniedem
Tal-għaġeb bħal dil-lejla,
Li jriegħed u li jberraq, jiftaħ oqbra,
U jgħajjat daqs l-iljun tal-Kapitolju,
Bniedem mhux aqwa minnek, lanqas minni,
Fil-ħila tiegħu, iżda sar hekk qawwi
U hekk tal-biża' bħat-taqlib tal-lejla.
KASKA. Qed tgħid għal Ċesri, Kassju; hux tassew?
KASS. Huwa min hu: jekk ir-Rumani l-lum
Għandhom l-egħruq u l-qawwa tax-xjuħ tagħhom,
Ah! 'ma fehmiet missirijietna dabu,
L-erwieħ ta' l-ommijiet qed imexxuna,
Għax bit-tbatija u l-madmad sirna nisa.
KASKA. Tassew, jien smajt li għada s-senaturi
Bi ħsiebhom jaħtru 'l Ċesri bħal sultan:
Hu jilbes il-kuruna fl-art u l-baħar,
U kullimkien, barra minn hawn fl-Italja
KASS. Mela jien naf l-istallett fejn nilbsu;
Kassju jeħles lil Kassju minn dal-jasar:
Għax b'hekk, allat, tagħmlu 'd-dgħajfin qawwija;
B'dan biss, allat, tirbħuhom lit-tiranni:
M'hemmx torri żonqri, m'hemmx ħitan tar-ram,
M'hemmx dwiemes, lanqas ktajjen tal-ħadid
Li jistgħu jliġġmu l-qawwa ta' l-ispirtu:
Il-ħajja, meta tixba' minn did-dinja,
Qatt ma tonqosha l-ħila li tħalliha.
U la naf dan, ħalli jkun jaf kulħadd,
Li dik l-id iebsa li ħafnitni taħtha
Nista' nwarrabha meta rrid.

(*Ragħad.*)

KASKA. Jien bħalek:
U bħalna r-rsiera kollha għandhom f'idejhom
Is-setgħa li jinfdew mill-jasar tagħhom.
KASS. Mel'għaliex Ċesri għandu jkun tirann?
Miskin! Naf lupu ma jixtieqx ikun,
Kieku ma jafx illi r-Rumani ngħaġ:
Għax ir-Rumani ċriev, għalhekk hu ljun.
Kull min bil-għaġla jrid ħuġġieġa kbira,
Jibda bit-tiben; kemm mhi xejn din Ruma,

CINNA. Kulħadd hemmhekk, barra Metellu Cimber,
Għax mar id-dar ifittxek. Jien se nħaffef,
Biex neħles dawn il-karti bħal ma għidtli.
KASS. Imbagħ'd ejja fil-portku ta' Pompew. (*Joħroġ ĊINNA*).
Immorru, Kaska, ħalli qabel jisbaħ
Naraw 'il Brutu d-dar: tliet biċċiet minnu
Ġa huma tagħna; u jekk narawh darb'oħra
Naħseb illi jintelaq sħiħ f'idejna.
KASKA. O, il-qlub tan-nies iżommuh wisq fil-għoli:
U dak li fina jidher bħal nuqqas,
L-imġieba tiegħu, bħal alkimja safja,
Fih tbiddlu fi drawwiet tajbin u siewja.
KASS. Minnu, mis-siwi u l-ħtieġa kbira tiegħu
Int għamilt ħaqq wisq tajjeb. Ejja mmorru,
Għax nofs il-lejl ġa daqq; u, qabel jisbaħ,
Aħna nqajmuh u nkunu żguri minnu. (*Joħorġu.*

TMIEM L-EWWEL ATT

---

# Twieqi Miftuħa

*Essay ta' P. Marianus Vella O.F.M*

Bħall-Kittieb ta' l-"Old Curiosity Shop", kont ħadtha drawwa li ma noħroġx ħlief meta jidlam. Mhux għax il-ħruġ ta' filgħodu mhux isbaħ, le, iżda, billi jien in-nies iħabbtu ma wiċċi jdejquni, qtajtha darb'għaldejjem li noħroġ biss fil-ħinijiet li t-toroq ikunu tbattlu min-nies. Wara l-ikla ta' filgħaxija, kont nitfa' l-kappell f'rasi u bil-kelb miegħi nerħilha għal għonq it-triq. Fis-sajf ftit kont nagħmel minn dal-ħruġ, għax in-nies kienet iddum barra, iżda fix-xitwa, meta kulħadd ikun miġbur għall-kenn ta' daru, kont nilbes kowt oħxon u b'xall m'għonqi naqbad it-triq it-twila. Mhux darba w tnejn kienet taqbadni x-xita f'nofs ta' triq u kont nidħol id-dar għasra.

Dil-ħarġa ta' kull filgħaxija kienet taħjini. Dik il-fewġa kiesħa, xitwija, kienet tidħol ġo għadmi u ssaħħaħni. Fit-triqat ma kontx tilmaħ ruħ, u l-bibien tad-djar kollha kienu jkunu magħluqa. Iżda xi tieqa 'l hawn u 'l hinn qatt ma naqset li ma tkunx miftuħa, u jekk tkun ix-xita miftuħa fuq il-ħġieġ. Kull tieqa miftuħa għandha l-ġrajja tagħha — il-ġrajja ta' dawk li jgħammru 'l ġewwa minnha.

Darba kont għaddej minn waħda mill-ifqar toroq tar-raħal. It-triq kienet dlam ċappa, u ħlief dawl ċkejken li rajt ħiereġ

minn tieqa ftit 'il boghod ebda dawl iehor ma kien jidher. Wasalt hdejn dit-tieqa, u, kif ġejt biswitha, għajnejja bla riedu ġrew ġewwa. Rajt dehra li tgħaxxaq! Tnikkirt inħares. Go kamra ċkejkna, rajt xwejjaħ fuq banketta jsewwi x-xbieki tas-sajd. Hdejn saqajh, tilgħab u titgerbeb ma' kobba spag, ilmaħt qattusa żgħira bebbuxija. Fir-rokna tal-kamra kienet tidher mara xwejħa bil-kuruna tar-Rużarju f'idejha. Mas-saqaf kien hemm imdendla l-għodda kollha tas-sajd. Tnikkirt inħares lejn dak il-kwadru ħaj, u wara ftit erġajt issoktajt triqti. Dik id-dehra laqtitni u xtaqtni kont flok dak is-sajjied xwejjaħ. Ġibt quddiem għajnejja s-sewwa ta' kliem Winifred Holtby li darba qrajt f'essay tagħha jismu, "Other People's Lives" fejn tgħid, "Other people's lives are so exciting especially the brief dramatic glimpses one has of them, seen through a lighted window."

Issoktajt nimxi ngħaġġel għax is-sema rajtu jiddallam u bżajt li tilħaqni x-xita. Kif wasalt f'salib it-toroq, nisma' biki u krib ġejjin minn tieqa miftuħa ta' waħda mid-djar. Għalkemm kont ngħaġġel, waqaft, u waqqaft widnejja biex nisma' aħjar. Hlief biki u krib ma smajtx. Milli kien jidher minn barra dawk li kienu jgħammru f'dik id-dar kienu jagħmluha tajjeb. Bqajt wieqaf għal ftit ieħor, wara ftit ma smajt xejn aktar. Billi t-tieqa kienet kemxejn fil-għoli ma sata' jidher xejn. Min jaf x'kien ġara f'dik id-dar? Forsi kienet xi omm tibki fuq binha marid li kien qiegħed jokrob...Min jaf!?

Kif imxejt biċċa sewwa, wasalt quddiem żewġt itwieqi kbar bil-purtieri tal-bellus. Smajt ħiereġ minn hemm ġew, daħk, għajjat, u ċekċik ta' siġġijiet. Waqaft daqsxejn, u bejni u bejn ruħi, bdejt inbejjen dak li kont smajt qabel ma' dak li kont qiegħed nisma' dak il-ħin, iżda żewġ taqtiriet ħoxnin daqs ġellewża, niżlu fuq wiċċi u ħabbruli li x-xita kienet waslet biex turi snienha. Ħaffift, u kif wasalt id-dar infetħu bibien is-sema.

Tabilħaqq, kull tieqa miftuħa li wieħed jara f'ħinijiet għariba, taf tgħid ġrajjietha, ta' dmugħ jew ta' hena. Mid-daqsxejn li wieħed jara jew jisma' mit-twieqi, jista' jibni l-ħajja ġewwiena ta' dawk li forsi qatt ma ra wiċċhom.

20/8/1947.

---

## WASLILNA

Waslilna r-rumanz "LA BUFERA" ta' Dr. G. Curmi LL.D., Lecturer tal-Letteratura Taljana fl-Università tagħna. Dr. Curmi li huwa wkoll l-Editur tal-"Malta Letteraria", għandu ħakma sabiħa tal-Lingwa Taljana u jaf jinseġ storja interessanti.

# Iz-Zarbun tad-Dardanelli

(*Novella ta' Anton Buttigieg.*)

L-attakk li għamlu l-Allijati fuq id-Dardanelli fi żmien l-ewwel gwerra tad-dinja sewa ta' ħafna deni għal ħafna nies; iżda għal Ċensu l-Ħuxi kien żgur providenza t'Alla, għaliex bis-saħħa tiegħu kiseb żarbun gwapp, li qeda lilu u lill-familja tiegħu tul ħajtu kollha, u li baqa' famuż għal żmien twil wara li miet l-istess Ċensu.

Fid-Dardanelli Ċensu ma kienx mal-Awstraljani li sbarkaw u niżlu l-art u qasmu l-fildiferru mxewwek taħt xita ta' balal, iżda kien imwarrab f'post imbiegħed mill-ġlied, fejn kien hemm ħażna tal-munizzjon, u fejn Ċensu kien jista' juża sewwa l-par dirgħajn mibrumin li ħa miegħu minn qiegħ Għawdex, u aktar u aktar l-aptit li ħa miegħu biex ibattal il-landi kbar tal-bully-beef li bħalu kien għadu ma daq qatt. Darba biss Ċensu u sħabu kienu sa jiġu fil-periklu; iżda Ċensu, li ma dirgħajn tajba kien ħa miegħu wkoll moħħ tajjeb biex jaħseb għal rasu ,malajr kien mar inħeba ġo għar ġewwa wied, fejn ma nisiex jieħu miegħu erba' landi kbar tal-bully-beef.

Il-gwerra spiċċat, u Ċensu ġie mibgħut lura lejn pajjiżu. Kienet ġurnata tar-rebbiegħa dik inhar li wasal ir-raħal, u t-tfal kollha kienu qegħdin jilagħbu barra. F'daqqa waħda instema' ġej tisbit qawwi, bħal dak ta' meta l-buttar ikun qiegħed idaħħal iċ-ċirku f'xi bittija. It-tfal daru u ħarsu... ara ġej suldat!...ilkoll għajtu f'daqqa waħda, u telqu jiġru għal ħdejh. Veru kien ġej suldat...Ċensu kollu kemm hu bl-uniformi ta' suldat ingliż, u b'żarbun daqsiex li ġieb mid-Dardanelli iħabbat fuq l-art ħarxa ta' Għawdex kif il-mastrudaxxa jħabbat fuq xi musmar iebes li ma jkunx irid jidħol.

Mal-ewwel ħanut tal-merċa Ċensu kellu jieqaf, għaliex in-nisa kollha ħarġu u daru miegħu. "Ara l-Ħuxi reġa' ġie! ara l-Ħuxi!" kulħadd igħajjat. "Għamillek tajjeb il-laħam, Ħuxi, qaltlu Tereż tal-ħanut. U veru, għaliex Ċensu li kienu jafuh iswed daqs tork bil-ħruq tax-xemx għawdxija kien ġie lura b'wiċċ imfaqqa' u aħmar nar daqs in-nar.

Karmena, l-għarusa ta' Ċensu, kienet semgħet il-għajjat tat-tfal u ħarġet fis-setaħ u rat in-nies miġmugħa u qagħdet tħares. F'daqqa waħda s-suldat neħħa l-beritta u Karmena ħarġet tiġri daqs sajjetta. U żgur li għarfitu lil Ċensu, avolja mill-bogħod. Ċensu kien għadu bl-istess maxta li kien mar biha, jew ngħidu aħjar xagħru kien għadu mħabbel u mġiegħed bħax-xagħar tal-mogħoż kif kien dik inhar li ħareġ mid-dar

bil-beritta mmejla biex imur isiefer.

"Ara l-Huxi tiegħi!" qaltlu Karmena kif waslet ħdejh; "Iż-żigg kemm sirt sabiħ! ara jien miniex sa nsajjarlek laħam bħal ma kont tiekol, taf", żiedet tgħidlu bid-daħka. U malli Ċensu kellem lil Dun Mikiel li kien ġie jifraħ bih, Karmena qaltlu: Imxi d-dar tagħna, għax ommok marret għal ħaxix". U Ċensu u Karmena telqu lejn id-dar flimkien, imdawrin b'ċurmun tfal tagħhom, kollha jimbuttaw lil xulxin biex jersqu kemm jistgħu ħdejn Ċensu. Wieħed minnhom daħal f'saqajh u kien għoddu tefgħu għal tulu fl-art. Imma Ċensu kien għadu ferħan wisq biex iżarrad xi waħda u minn flok ma żarrad daħak.

Kif Ċensu tela' t-taraġ u daħal fil-għorfa, Mariross li kienet tagħlef il-bhejjem taħt it-taraġ tad-dar ta' Karmena ħarġet tiġri b'qatgħa kbira...f'daqqa waħda kienet semgħet ħsejjes kbar fuq it-taraġ u ħasbitu sa jaqa' fuqha u marret b'ġirja għand omm Karmena għaliex kienet ħasbet li dak il-mingħul ta' tifel iż-żgħir tagħha kien qed isammar fuq it-taraġ u kien ser jikser xi waħda minnu. Baqgħat tielgħa fil-għorfa u hemm kien Ċensu b'wiċċu aħmar daqs qrolla, u ħdejh fl-art kien hemm iż-żarbun tiegħu, kbir daqs dgħajsa tal-pass, għoli minn l-art fuq żewġ nagħliet kbar daqs taż-żwiemel, u b'ġilda ħoxna li lanqas b'xafra ma tinfidha. Ċensu kien diġa neża' darba għal dejjem il-libsa ta' suldat biex jerġa jsir biċċa waħda mir-raħal tiegħu u mir-raba' li jagħmel minnu għal ħajtu kollha. Tefa' xkora fuq spalltu u telaq ħafi għal ġol-għalqa, u wara ftit ġie lura ma' ommu bix-xkora tal-ingliża fuq daħru. Karmena kienet refgħetlu ħwejġu. Ċensu kien ta' l-qalziet tal-uniformi lil missier il-għarusa, il-ġakketta kien refagħha għal missieru, u ż-żarbun refgħu għalih, u Karmena poġġietu fil-kexxun t'isfel tal-gradenza.

Għadda ftit taż-żmien, u wasal jum it-tieġ ta' Ċensu l-Huxi ma' Karmena tal-Buqrajq. U hawn beda s-servizz li ż-żarbun tad-Dardanelli kellu jagħti lil sidu għal żmien twil. Dik inhar fil-għodu Ċensu ħarġu minn ġol-kexxun, farfru daqsxejn b'idu wiesgħa daqs marżebba, libsu u beda nieżel it-taraġ. Kif sa jmiss siequ fl-aħħar tarġa ħadd ma jaf minn fejn Pawla, it-tifla ż-żgħira tal-Buqrajq, u tidħol ġo Ċensu, u dan flok ma rifes fl-art rifes fuq sieqha. Pawla għajtet għajta li semgħuha mill-knisja; ommha refgħetha u bdiet ixxarrabhielha bl-ilma u spiċċat biex ma ratx it-tieġ ta' bintha. Sieq Pawla saret kaħla bħan-nir, u damet tmint ijiem ma tistax timxi, u ħajjitha kollha baqgħet tifakar fit-tieġ ta' oħtha.

Ċensu kellu jibqa' sejjer lejn il-knisja, għax il-ħin kien sar; kienu ġa daqqu l-erbgħa u nofs ta' fil-għodu, u kellhom itejġu qabel il-quddiesa tal-ħamsa. Kif daħal il-knisja, iż-żarbun ta'

Ċensu beda jħabbat taħbit tal-għaġeb — kienet donnha ġejja armata sħiħa. Il-kappillan ħares lejn il-paviment tar-rħam li kien għadu kif għamel ġdid, u f'qalbu xtaq li ma jiġux suldati iżjed mid-Dardanelli, u kif il-kuxjenza niggżitu għal din ix-xewqa, xtaq li jekk jiġu almenu jiġu mingħajr żarbun.

Reġa għadda ż-żmien, u l-kappillan, jew għax nesa x-xewqa li kien għamel kontra Ċensu dik inhar tat-tieġ jew għax ma nafx, ħajjar lill-istess Ċensu biex jilbes fratell, u dana ma kisirlux kelmtu. U hawn jissokta s-sevizz fidil li ż-żarbun tad-Dardanelli ta lil sidu.

Kienet il-festa taċ-Ċintura u Ċensu kellu jilbes l-ewwel darba. Bil-kunfratija misrura fil-maktur kollu fjuri ta' Karmena taħt spalltu x-xellugija, u biż-żarbun miżmum imdendel mis-seba' l-kbir u s-seba' tan-nofs ta' idu l-lemenija, Ċensu telaq lejn il-Knisja, daħal, poġġa ż-żarbun fl-art ħdejn it-tarf tal-bank u s-sorra fuq il-lasta tal-istess bank, u bis-sabar kollu qagħad jisma' l-priedka li minnha fehem ftit jew xejn. Kif spiċċat ix-xita taċ-ċinturi u tal-edana u edika minn fomm il-predikatur, Ċensu qabad iż-żarbun f'idu u s-sorra taħt spalltu, foroq il-ġemgħa tan-nies, u daħal fis-sagristija. Hemm libes iż-żarbun waħdu u bil-għajnuna ta' Frenċ it-tawru u Pawlu l-burqax libes il-kunfratija u l-muzzetta, u ftit wara ħareġ mill-bieb tal-knisja rebbieħ u trijonfant bl-istandard l-ikħal tal-Madonna.

Minn dik inhar 'il quddiem ma kienx hemm purċissjoni li Ċensu ma kienx fiha l-ewwel wieħed bl-istandard. Kif ikun qiegħed idoqq l-aħħar kont tara 'l Ċensu ġej bis-sorra taħt spalltu u biż-żarbun imdendel mn'idu ġej lejn il-knisja. Il-kappillan tar-raħal ma kienx ta' subgħajh f'ħalqu: meta huwa kien ħajjar lil Ċensu biex jidħol fratell, huwa kien jaf tajjeb li ftit li xejn kien periklu għall-irħam tal-paviment, għaliex kien żgur li Ċensu barra dik inhar tat-tieġ ma kienx sa joħroġ iżjed mid-dar liebes iż-żarbun.

Kif kienet iddoqq il-barka kont terġa tara lil Ċensu ħiereġ mis-sagristija bis-sorra tal-kunfratija taħt spalltu u biż-żarbun imdendel mn'idu, joħroġ mill-bieb tal-knisja, u flimkien mal-Burqax, u dan ukoll biż-żarbun f'idu, jitlaq lejn il-ħara tad-dar tiegħu.

Iżda mhux biss lil Ċensu qeda dak iż-żarbun; qeda wkoll lill-erba' wliedu subien. Kull wieħed minnhom meta tejjeġ ma kellux bżonn jixtri żarbun għaliex inqeda bih. Tlieta minnhom meta libsuh għamlu ħsejjes iżjed minn missierhom, għaliex kellhom saqajhom iżgħar minn ta' missierhom; tant ħabbtu li l-kappillan reġa tenna x-xewqa li kien għamel fit-tieġ ta' Ċensu, mingħajr ma did-darba niggżitu l-kuxjenza. It-tifel

il-kbir ma tantx għamel ħoss, għaliex kellu saqajh akbar minn ta' missieru u beda kull darba bil-kemm imiss saqajh mal-art u jaħlef ma' kull weġgħa li ma jerġax jilbes żarbun ieħor f'ħajtu. Tistgħu tistħajlu kemm kienet kbira sieqn meta ngħidilkom illi fid-Dardanelli s-surġent ma setax isib żabun li jiġi lil Ċensu daqs kemm kellu siequ kbira.

Meta tgħarrset it-tifla ta' Ċensu u sar il-ftehim, il-ħabib tagħna qabel qal lill-għarus bid-daħka: "M'hemmx għalfejn tixtri żarbun. nisilfek tiegħi. U hekk għamlu. Iżda l-Ħuxi wara sogħobbih ħafna għaliex il-għarus tat-tifla qatagħlu l-lazz. "Jien minn l-ewwel għidt li dak ħali u bla grazzja", qal Ċensu hu u jorbot għoqda biex jerġa jorbot it-truf flimkien. U dik il-għoqda baqgħet maż-żarbun u tkeffnet ma' Ċensu.

Iż-żmien isajjar il-bajtar, u Ċensu mingħajr ma ried jemmen — għaliex ġo qalbu kien jemmen li n-nies jixjieħu u jmutu iżda qatt ma sata' jemmen li l-Ħuxi jixjieħ u jmut — insomma kien jemmen u ma kienx Ċensu xjieħ mingħajr ma nduna. B'dana kollu huwa kien għadu jerfa' l-istandard ikħal tal-Madonna,, u ż-żarbun tiegħu — żagħżugħ ta' dejjem — kien għadu jżaqżaq fuq l-aħrax taz-zuntier f'kull ħarġa tal-purċissjoni. Kienet il-festa tad-Duluri; in-nies ħasbet li l-purċissjoni mhix sa toħroġ għax kien hemm żiffa mbatt mhux ħażin. Iżda l-kappillan ma qatax qalbu; wara l-priedka sejjaħ lill-fratelli — Ċensu mar l-ewwel wieħed biż-żarbun f'idu. F'kemm ili ngħidlek il-qniepen bdew idoqqu. In-nies infirxet f'żewġ srabat wieħed kull naħa tal-bieb ma tul iż-żuntier tal-knisja, u f'daqqa waħda l-Ħuxi feġġ rebbieħ u trijonfant bl-istandard l-ikħal.

Ċensu ma ħasibx għar-riħ u ħareġ bil-bandiera tperper miftuħa — idejh u dirgħajh qatt ma kienu regħxu mill-imbatt. Iżda din id-darba le: kif wasal f'nofs iz-zuntier ir-riħ ta żewġ skossi kbar lill-istandard, l-aħrax taz-zuntier jaħraq bħan-nar bix-xemx ta' Settembu kien jiżloq daqs is-sapun, Ċensu żelaq, dirgħajh ċedew u Ċensu u l-istandard marru għal tulhom fuq iz-zuntier.

Ix-xitan m'għandux ħalib u jbigħ il-ġbejniet. Lil min tgħidu intom li laqtet dik il-balla bis-salib li kien hemm fuq ras l-istandard? Lil Manwel il-Billi li kien għadu kif irkupra biċċa raba' minn għand l-istess Ċensu u stordietu sewwa. Li l-affarijiet ma ġrawx kif ġraw kienu jgħidu li l-Ħuxi għamilha b'vendikazzjoni.

Wara din il-waqgħa Ċensu baqa' sejjer lura. Bl-istandard ma ħariġx iżjed, u l-kappillan poġġieh l-aħħar wieħed fil-fratellanza b'medalja kbira daqs gabarre' fuq sidru. Ma ħariġx hekk aktar minn tliet darbiet. Għodwa waħda r-raħal kollu qam igħid li mal-lejl kien miet il-Ħuxi.

M'għandniex xi ngħidu meta keffnu lil Ċensu libbsuh ta' fratell, u m'għandniex xi ngħidu libbsuh iż-żarbun tad-Dardanelli. Il-mastrudaxxa li għamel it-tebut jew għax ħa kejl ħażin jew għaliex ma nafx, għamillu tebut mhux twil biż-żejjed, u l-pali ta' Ċensu ma setgħu jidħlu bl-ebda mod, u għalhekk kellhom iħalluhom mixrufin fuq it-tarf.

Il-qniepen bdew inaqqu u wasal il-kappillan bil-kappa sewda. In-nies ħarsu lejn l-istandard ikħal f'ras il-purċissjoni u ftakru fil-waqgħa ta' Ċensu u f'Manwel il-Billi. Beda l-kant tal-Miserere, u l-katavru ta' Ċensu feġġ ġo tebut mikxuf, merfugħ minn erba' fratelli tal-fratellanza tal-Madonna.

Hekk kif il-funeral mexa erba' passi, il-pali tas-saqajn ta' Ċensu bdew jixxenglu 'l hawn u 'l hemm maċ-ċaqliq tat-tebut. In-nies raw qiegħ ta' żarbun daqsiex, b'par nagħliet ileqqu fix-xemx li jiġbdu l-għira ta' kull ħaddied, u f'kemm ili ngħidlek mill-funeral ta' Ċensu n-nies ma baqgħetx tara ħlief iż-żarbun tiegħu. Kienet il-għanja aħħarija taż-żarbun tad-Dardanelli, għanja aħħarija bħal dik tal-wiżża li tkun sejra tmut li naqraw fil-poeti ta' żmien il-qedem. Iż-żewġ żarbuniet bdew jieħdu suriet differenti — daqqa sura ta' "v", mhux is-sinjal tal-v ta' Chuchill għax iż-żarbun ma setax kien jafha, — daqqa sura ta' żewġ "ii" ħdejn xulxin meta rridu nfissru n-numru tnejn b'dawn iż-żewġ ittri, — daqqa sura ta' L majjuskola maqluba lejn il-lemin jew lejn ix-xellug,— daqqa sura ta' żewġ "ll" żgħar paralleli sejrin jitbandlu miż-żifna tal-mewt.

Kif spiċċa l-funeral u l-pali tas-saqajn tal-Ħuxi siktu kwieti, ir-raġel tat-tifla tiegħu tħajjar jaqla' ż-żarbun minn ġot-tebut, għax qal dnub żarbun bħal dak jintemm fit-trab. Iżda dlonk qabeż it-tifel il-kbir (ma nafx dak il-ħin ftakarx fil-wegħdiet li ħass fit-tieġ u fil-ġuramenti li ħa dik inhar) u qal bil-herra: "Dak ġie ma' missieri u jmur ma' missieri". Fl-aħħar minn l-aħħar missieru kien sejjer jibqa' jgħix għaliex in-nies kienu ġa' bdew jgħidulu Ġużepp il-Ħuxi flok Ġużeppi tal-Ħuxi.

U hekk intemm is-servizz li għamel lil sidu l-famuż żarbun tad-Dardanelli.

Niftakar darba qrajt storja tal-fatati, storja ta' żarbun imsaħħar li kellu ras u dirgħajn — żarbun ma kellux bżonn — li kien imur u jiġi kull xħin ifettillu fl-art imsaħħra taż-żraben. Ngħid għalija dak iż-żarbun kien ġej minn dik l-art u kien imsaħħar, għax inkella kif tispjiega l-ġrajjiet kollha tiegħu? kif tispjiega d-daqqa fuq ras il-Billi, kif tispjiega l-kejl ħażin tal-mastrudaxxa?

Meta mietet il-mara ta' Ċensu xi għaxar snin wara, lil Ċensu qalgħuh u sabuh trab; iżda ż-żarbun kien għadu mhux mimsus. Ma naħsibx li jerġa' jinqala' iżjed minn taħt l-art, u

xejn ma nistagħġeb jekk iż-żmien, li jwebbes it-trab u jagħmlu ġebel, jippetrifika dak iż-żarbun. Jista' jiġri wkoll li fiż-żmien taż-żmien li ġej għad jiġi xi arkeologu jħaffer fil-art ta' Għawdex u b'xorti tajba jsib iż-żarbun ippetrifikat, u jagħti lid-dinja turija l-aktar qawwija ta' kemm Għawdex ta' suldati qalbenin għall-attakk fuq id-Dardanelli.

---

# Id-Dakra

(*Tagħrif ta' A. Cremona*).

Qabel ma wieħed jitkellem fuq id-dakra fil-pjanti, tajjeb li ifisser xi ħaġa fuq l-organi tal-pjanta li għandhom x'jaqsmu mad-dakra, jiġifieri fuq iż-żahar jew fjuri tal-pjanta jew siġra, li huma l-organi tat-tnissil. Iż-żahar jew fjuri huma l-organi li bis-saħħa tagħhom isir it-tagħlil tal-frott.

Nieħdu 'ż-żahar tal-Larinġ.

*Żahar tas-Siġar.*

Iż-żahra tal-larinġ fiha fuq iz-zokk: (a) *Ċurkett* aħdar b'5 sinniet jew *sepali* li flimkien maċ-ċurkett jagħmlu l-*kaliċi* tal-fjur. (b) Il-*Petali,* jiġifieri l-weraq jew loqom tal-fjur. (c) l-*Istami* jew ħjut bojod ġewwa s-sinniet jew sepali. L-*Istami* għandhom ras safra fuq kull ħajta (d) l-*Antera* li hija ras safranija, (d) il-*Polline* jew Dakra li hu trab isfar fl-antera, (f) l-*Ovarju* li hu bħal żibġa rqiqa ħadranija (g) il-*Pistillu* ma' l-*Istilo,* fettul ħadrani li joħroġ mill-ovarju, u l-*Istimma,* ir-ras ta' l-*Istilo* miksija b'sugu li jwaħħal.

In-naħal u insetti oħra meta jardgħu mill-qiegħ tal-fjur jiċċapsu bil-poline jew dakra ta' l-antere u dan jeħel ma' l-istimma. B'hekk il-fjur jiddakkar u l-ovarju jimla u jiħxien. Dan imbagħad isir larinġa.

*Siġar jew pjanti bil-fjur raġel biss jew bil-fjur mara biss.*

Dawn huma: il-qara', il-ħjar, il-bħajra, il-prinjoli u ċ-ċipressi; l-ispinaċi (bqajla), il-ħarrub u t-tamar.

Id-dakra ta' dawn issir bil-ġarr tal-polline jew dakra għal fuq l-istimma ta' l-ovarju, (1) bir-riħ, (2) bin-naħal, (3) u b'insetti oħra u għasafar żgħar, friefet il-lejl u bebbux

*Dakra b'mezzi oħra*

Ir-Rummien jiddakkar bil-*fjur tad-Dakra* (Ammi Majus, L.) jew b'ta' *Ħaxixet it-Trieraħ* (*Tordylium Apulum,*. L.)—ħaxixa tar-razza tal-bisbies u tursin,

*Id-dakra tar-Rummien.* Mazz ċkejken minn waħda minn dawn iż-żewġ ħxejjex jintrabtu ma' fergħa tar rummien fix-xaħar ta' mejju u dan iservi bħala mezz biex il-fjuri tagħhom jiġbdu l-insetti li jdakkru r-rummien. Il fjur tar-rummien huwa aħmar fil-waqt li tad-Dakra u ta' Ħaxixet it-Trieraħ huwa abjad L-insetti li ma jagħżlux il-lewn aħmar tal-fjur mil-lewn aħdar tal-ħaxix, jardgħu iżjed minn fuq il-fjur abjad tad-Dakra jew ta' Ħaxixet it-Trieraħ u wara mbagħad fuq il-fjuri raġel u mara tar-rummien u b'hekk ir-rummien jiddakkar.

*Id-dakra tal-pumakannella.* Id-dakra tal-pumakannella ssir billi jiddendlu xi erba' paliet tal-bajtar mal-friegħi tas-siġra. Il-pala tal-bajtar, billi lixxa, ipoġġu fuqha l-insetti li jgħinu biex idakkru iżjed ħafif id-dakra milli kienu jpoġġu fuq il-weraq u l-friegħi ġodda tal-pumakannella li huma miksija bil-pil qasir li minnu jitgerrxu l-insetti

*Drawwa tradizzjonali għat-tinwir u tagħlib qawwi tal-Lanġas, Tuffieħ u Żinżel u Frott ieħor,* bil-*ġebel.*

Il-bdiewa jużaw idendlu ġebla mal-friegħi tal-lanġas jew żinżel biex dawn jiltwew 'l isfel u b'hekk il-frott jagħmel iżjed. Din l-operazzjoni għandha effett għal ċerti raġunijiet li l-bidwi iktarx ma jafx bihom, għalkemm għandu fidi qawwija fiha b'riħet l-effetti tagħha. Meta ssir din l-operazzjoni, l-umuri jew *linfa* li jitilgħu u jinżlu, meta jiġu biex jinżlu *minn taħt il-qoxra, jieqfu fejn hu milwi* u jħaxxnu l-btan jew in-nwar tal-frott, iż-żahar jissaħħaħ u l-frott igħaqqad iżjed. Din hija drawwa qadima, u flokha qiegħda tintuża minn xi wħud mill-bdiewa din l-oħra li hija aktar moderna u li tintuża iżjed fuq prinċipji xjentifiċi milli fuq id-drawwa tradizzjonali.

*Mezzi iktar ħfief tal-lum* huma dawn:—

(a) Tilwi l-fergħa rqiqa tas-siġra (meħxen lapis) u tilwiha sakemm tħoss iz-zokk iċaqċaq. B'hekk jieqfu l-umuri, in-nwar jiħxien u jsir il-btan tal-frott.

(b) Bit-tnalji jew pinzetti tal-qoxra li bihom taqta' bħal ċurkett, mogħla sold, fil-qoxra madwar iz-zokk tal-fergħa. Dan m'għandux x'jaqsam mad-dakra. Hemm l-istess effetti u jinżamm ix-xaqq imberraq b'xi laqxa biex ix-xitla tinfexx toħroġ l-imsierek.

*Dakra tat-Tin*

*Is-Sikonju.* It-tin ma jagħmilx fjur wieħed, iżda mazz jew bukkett fjuri msejjaħ sikonju. Dawn il-ħafna fjuri jiksu t-tina minn ġewwa. Il-fjuri ta' fuq lejn il-fomm huma rġiel (bi stami wieħed jew b'żewġ stami u b'antera waħda); il-fjuri mal-ġenb u mal-qiegħ huma *nisa* (ovarju wieħed b'ovulu jew żerriegħa

waħda), *Dakra bil-meżż ta' nemusa Cynifro prenes jew* (*Blastophaga grossorum*)

It-tina, meta tasal għad-dakra, tbexxaq fommha u n-nemusa tiddeffes, u bil-ħakk iktarx taqla' ġwenħajha, u, hi;a u nieżla mill-ġenb jew mill-qiegħ tgħaddi minn fuq il-fjuri rġiel fil bil-pollina tal-fjuri rġiel u bih iċċappas l-istimmi tal-fjuri nisa u b'hekk issir id-dakra. In-nemusa tidħol fit-tina biex tmur tbid fl-ovarju, — il-bajd isir fosdoq b'nemus nisa u nemus irġiel li bit-tnissil tagħhom igħinu biex idakkru s-siġra tat-tin.

Mhux it-tin kollu jiddakkar bin-nemusa. Tin li jista' ma jid-dakkarx huwa *t-tin iswed*, il-*parsott iswed*, il-*farkizzan*, u tin ieħor, għax dawn għandhom ġo fihom ħafna rġiel imħalltin mal-fjuri nisa.

*ID-DUKKAR.*

It-tin dukkar jagħmel tlieta jew erba' btan ma' tul is-sena. L-*ewwel boton* u (l-iżjed għammiel) huwa tar-Rebbiegħa (Marzu April) u joħroġ miż-żahar tal-frott fuq l-injam tas-sena ta' qabel. bħall-bajtar bikri ta' San Ġwann. Jilħaq għal Ġunju u dħul Lulju u jdakkar it-tin tal-bajtar u tin ieħor. *It-tieni boton* joħroġ għal Ġunju fuq l-injam il-ġdid-fl-abt tal-werqa. Dan il-boton huwa inqas fil-għadd u l-bdiewa jgħidulu "in-nannu". Jidher għall-bidu ta' Ġunju fl-istess żmien tat-tin li jittiekel. Dan il-boton jiddakkar bin-nemusa li toħroġ mid-Dukkar bħal-ma hu t-tin. It-*Tielet boton* joħroġ għal Awissu u jissejjaħ "*Iċ-Ċarru*". Ir-*raba' boton* joħroġ għal Settembru jew Ottubru qabel ma jaqa l-weraq u jissejjaħ "Il-Barru"

Iċ-*Ċarru* u l-*Barru* jibqgħu fuq is-siġra x-xitwa kollha. Huma wisq ftit, bil-kemm ikun hemm tużżana mas-siġra kollha u jiddakkru bin-nemusa li toħroġ man-*nannu* (duqqajs). In-nemusa tibqa' fiċ-Ċarru jew fil-Barru x-xitwa kollha u tfaqqas fir-Rebbiegħa meta joħroġ id-Dukkar; dlonk tmur tbid fih, u b'hekk id-dakra tibqa' sejra.

*Xorta ta' Dukkar*

Hemm dawn ix-xorta ta' dukkar. (a) Dukkar aħmar tas-selvaġġ; jagħmel ħafna dukkar, jagħmel ħafna nemus. (b) Dukkar abjad, tajjeb bħal aħmar. Jiswa min idur it-tin bid-dukkar għat-tieni darba.

*KIF IDDAKKAR*

Id-dukkar jissensel tnejn tnejn, jew tlieta tlieta, mas-siġra tat-tin, minn għaxra sa tletin fuq kull siġra skond il-kobor tagħha. Jissenslu bil-ħajt irqiq tat-tajjar li minn fuqu n-nemel ma jgħaddix. Xi bdiewa jużaw isenslu d-dukkar bil-ġummar, iżda

l-ħajt tat-tajjar huwa wisq aħjar sabiex in-nemel ma jkunx jista' jgħaddi u jagħmel ħsara fid-dukkar, billi l-ħajt huwa rqiq ħafna.

*IS-SENGĦA TAD-DAKRA.*

Is-sengħa tad-dakra ilha magħrufa minn żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi; minn għand dawn għaddiet għand il-Griegi. Kiteb u fisser fuqha Erodotu u Teafrastu, mijiet ta' snin qabel Kristu. Imsemmija wkoll minn Plinio, li miet waqt l-eruzzjoni tal-Vesuvju 79 sena wara Kristu.

Il-Prof. Ġanni Borg kiteb fuq id-dakra fl-1898. Borg bagħat frieghi ta' razza tajba Maltija tad-Dukkar bin-nemusa fid-dukkar tax-xitwa (*Ġarru u Barru*) f'Kalifornia, l-Eġittu, l-Awstralja biex minnu jiddakkar id-dukkar ta' dawk il-pajjiżi.

*DAKRA TAS-SIĠAR U ĦXEJJEX MILL-INSETTI U MILL-BNIEDEM GĦAT-TNISSIL TA' SIĠAR U ĦXEJJEX OĦRA LI JAQBLU IŻJED GĦALL-BIEDJA.*

*Dakra Vera.* — Ġarġir, eruka, nevew, liftija, mustarda, fiġel u ħxejjex oħra ta' l-istes familja (Kruċiferi) tal-ġdur u pastard, meta dawk ikunu bil-fjuri, u għalhekk m'għandhomx jitħallew fejn xulxin.

Xi bdiewa jgħattu bil-filoxx il-pastard, il-kaboċċi u l-ġdur biex dawn ma jiddakkrux min-naħal u minn insetti oħra, iżda bir-riħ il-polline jew dakra jgħaddi bħal għabra minn ġewwa l-filoxx.

Id-Dakra vera issir b'dawn il-mezzi:—

(a) Dakra ta' fjur *minnu nnifsu,* jiġifieri bid-dakra ta' fjur raġel u mara fl-istess siġra.

(b) Dakra minn fjur għal ieħor fl-istess siġra.

(ċ) Dakra minn fjur għal ieħor minn siġar differenti. Din hija l-aħjar dakra.

N.B. Is-siġar tagħna jiddakkru iktarx kollha minn fjuri rġiel u nisa *ta' l-istess siġra* billi minflok ma jkunu nibtu minn żerriegħa tnisslu bil-bċejjeċ.

Meta bidwi jħawwel fil-ġnien siġar ta' l-istess qabil, imma bi kwalitajiet differenti, bħalma ngħidu aħna, iħawwel indana ħawħ Franċiż u indana ħawħ ieħor jew nuċiprisk huwa jkollu frott iżjed sabiħ u sħiħ, billi d-dakra tkun minn fjuri ta' siġra ta' kwalitajiet differenti. Din id-dakra tissejjaħ *dakra* salib, fl-Ingliż magħrufa bl-isem ta' *cross pollination.*

Din id-dakra tista' ssir bir-riħ jew bl-insetti: imma l-iżjed bl-insetti jew bin-naħal.

# "Dun Karm" U Jose' Maria Peman.

*ŻEWĠ POETI*:

Mhi xejn ħaġa kbira li ssib minn xi drabi kittieba u poeti li jaqblu ħafna fil-għażla tas-suġġetti tagħhom. Tnejn minn dawn huma ċertament Dun Karm, il-poeta nazzjonali tagħna, u l-magħruf poeta Spanjol José María Pemán. Fost il-poeżiji ta' Dun Karm insibu "Il-Vjatku" li tagħha għandna l-pjaċir infakkru kienet saret traduzjoni tajba ħafna fl-Ispanjol minn Patri Ġ. Delia S.J., "Quddiem Kruċifiss" u "Innu Ewkaristiku"; waqt li fost dawk li kiteb Pemán u li huma ħafna hemm ukoll "El VIático", "Ante el Cristo de la Buena Muerte" u l-"Himno Oficial del XXXV Congreso Eucaristico", li sar fuq sena ilu ġo Barċellona.

Għalkemm dawn ix-xogħlijiet letterarji, kemm tal-wieħed kemm ukoll ta' l-ieħor, ma jaqblux eżattament fil-ħsieb, fil-għamla u l-anqas fil-kliem li bih jissawwar il-ħsieb, jibqa' b'danakollu l-fatt li kemm Dun Karm kif ukoll Pemán huma żgur it-tnejn poeti kbar, profondament Kattoliċi, b'qalbhom imħeġġa b'imħabba safja għal Ġesù fl-Ewkaristija Mqaddsa u xejn inqas ukoll lejn ix-xbieha awgusta ta' Kristu Msallab.

F'"Il-Vjatku" Dun Karm jagħtina b'sengħa ta' mgħallem, deskrizjoni mill-isbaħ ta' drawwa qaddisa li llum jaħasra naqset ħafna hawn Malta. Ipinġilna Dun Karm xena kollha kemm hi ta' mħabba — imħabba ta' Alla, li miġnun b'imħabba bla tarf għall-bnedmin, ma jistkerrahx joħroġ fir-reżħa ta' lejla xitwija, fid-dlam u l-anqas fix-xita li "bla ma tehda, ittektek" u t-toroq kollha xxarrab u ċċaflas. Waqt li mill-banda l-oħra jurina għamla oħra ta' mħabba, imħabba Nisranija tas-saċerdot kattoliku li fost il-kant iwassal lil Ġesù, akkompanjat mit-tfal u minn "nies oħra" biex imur

:"*iqawwi l-qalb u r-ruħ ta' msejken*
*Fl-aħħar taqbida*".

Mhux ta' b'xejn ħarġet minn qiegħ qalb Dun Karm, qalb ta' qassis, dik il-għajta kollha ħeġġa:

"*Oh Tjieba ta' bla tarf, int biss stajt tagħmel*
*Dal-ġenn ta' mħabba!*"

Għalkemm b'ilsien u b'għamla differenti, Josè Maria Pemàn ħallielna hu wkoll deskrizzjoni sabiħa u kommoventi ta' vjatku f'lejl taxxitwa, għax kif igħid il-poeta:

*"Era noche sin estrellas y sin luna;*
*era el viento de tormenta; lloviznaba......"* (1)

Naħseb li min jaqra "El Viático" iħoss qalbu tingħafas xi ftit iżjed, u dan mhux għaliex l-istrofi ta' Dun Karm huma inqas penetranti mill-versi liberi ta' Pemán, iżda għaliex milli jidher f'"El Viático" Ġesù kien ġej biex iqawwi mhux il-qalb u r-ruħ ta' sempliċi ħabib, iżda dawk ta' persuna aktar għażiża u aktar marbuta mal-poeta: ta' ommu, forsi, jew ta' bintu li bil-mewt tagħha kien qed jara *"que se iba de entre las manos un pedazo de su alma."* (2)

Kemm f'"Il-Vjatku" kif ukoll f'"El Viatico", il-poeti t-tnejn jitolbu xi ħaġa lil Ġesù; u Dun Karm, imseddaq fil-fidi igħidlu bi kliem hekk ħelu u hekk sempliċi:

*"L-aħħar Ħabib, ejja ġo sidri, u qiegħed*
*Qalbek fuq qalbi u minn kull dnub saffiha:*
*Miegħek mgħannaq, Ġesù, naqbad bla biża'*
*It-triq ta' dejjem."*

U x'inhu mbagħad li jitlob Pemàn minn għand Ġesù? B'sempliċità ta' tfajjel u b'fidi ta' veru nisrani Spanjol igħidlu:

*"Señó güeno, güerve pronto pá librarme*
*de esta pena que me ajoga y que me mata;*
*pá llevarme al lado suyo, Señó, güeno,*
*al ladito de aquel cacho de mi alma......*
*y si al lado no pué sê porque en la glòria*
*no se armiten pecadores junto a santas,*
*aparéjame a lo menos un sitico*
*a la vera de la puerta pá mirarla......"* (3)

---

(1) *Kienet lejla mingħajr kwiekeb u bla qamar;*
*Kien ir-riħ qisu f'tempesta; u x-xita nieżla...*

(2) *li kienet qiegħda taħrablu minn idejh biċċa minn ruħu*

(3) *Sinjur twajjeb, erġa' ejja biex teħlisni*
*minn dan-niket li qed jifgani u joqtolni;*
*sabiex teħodni ħdejha, Sinjur twajjeb,*
*ħdejn dik il-biċċa mir-ruħ tiegħi......*
*u jekk ħdejha ma tistax għaliex fil-ġenna*
*ma jitħalltux midinbin ma' qaddisin,*
*Deh ħejjili minn tal-inqas imkien ċkejken*
*Sewwa sew hemm f'tarf il-bieb ħa nittawlilha.*

U hemmhekk ikollna nħallu ż-żewġ poeti biex nerġgħu niltaqgħu magħhom iżjed tard fuq it-triq tal-Kalvarju, jew aħjar, quddiem il-Kruċifiss Imqaddes.

Il-poeżija, ħelwa ħafna għalkemm qasira, li f'Dun Karm ġiet ispirata mill-Kruċifiss, u minnu għalhekk imsejħa "Quddiem Kruċi-

fiss" tfakkarni minnufih fi tliet versi, ħelwin u armonjużi, imma li xejn ma jfarrġu, ta' poeta kbir, Spanjol hu wkoll, Antonio Machado. Dawn huma l-versi tiegħu:

*"No puedo cantar, ni quiero*
*a ese Jesús del madero,*
*Sino al que anduvo en el mar!"* (4)

Għal kuntrarju ta' dak li kien jemmen, jew aħjar, ma kienx jemmen Antonio Machado, bniedem tas-seklu li bħal bosta għorrief oħra tal-Ewropa, ma kienx jaf jara 'l Alla fi Kristu Msallab, Dun Karm u miegħu Pemán irnexxielhom mhux biss jaraw fil-Mislub lill-Alla l-ħaj, iżda saħansitra l-ħabib veru u intimu. Nisimgħu l-Dun Karm:

*"O Ġesù, għall-fidwa tagħna*
*Inti msammar fuq salib;*
*L-eħrex mewt għażilt, biex turi*
*Illi Int l-akbar Ħabib".*

U la darba bejn il-ħbieb tassew għandu jkun hemm dejjem tibdil reċiproku, ngħidu aħna, ta' mħabba u ta' rigali, naraw mela x'inhuma r-rigali li bl-akbar imħabba ta' qalbhom joffru Dun Karm u Pemán lil Ġesù:

*"Nagħtuk qalbna, qalb nadifa,*
*Qalb imħeġġa, ja Ħabib,*
*La biex tirbaħ imħabbitna*
*Temmejt ħajtek fuq salib",*

filwaqt li b'ġenerożità tipikament nisranija u spanjola, il-Pemán igħid:

*"A ofrecerte, Señor, vengo*
*mi ser, mi vida, mi amor,*
*mi alegría, mi dolor;*
*cuanto puedo y cuanto tengo;*
*cuanto me has dado, Señor."* (5)

---

(4) *Ma nistax ingħanni, lanqas ma nħobb*
*lil dak Ġesù tas-Salib,*
*imma lil dak li fuq il-baħar mexa!*

(5) *Biex noffrilek, Sinjur, niġi*
*lili nnifsi, ħajti, imħabbti,*
*il-hena u n-niket tiegħi;*
*kulma nista' u kulma għandi;*
*kulma tajtni, oh, Sinjur.*

Poeżiji oħrajn li fl-istess żewġ poeti ġew imnisslin mill-istess ħaġa u f'ċirkostanza bħal xulxin huma l'"Innu Ewkaristiku" (T'Adoriam Ostia Divina) u l-"Himno Oficial del XXXV Congreso Eucaristico". Kienet is-sena 1913 meta l-maħbuba gżira tagħna kellha l-privileġġ mis-Sema biex fiha jiġi jittrijonfa Kristu Sultan tas-Sema u l-art biċ-ċelebrazjoni tal-Kongress Ewkaristiku. F'dak iż-żmien, bħalma wkoll f'daż-żmien li minnu għaddejjin aħna, id-dinja kienet tinsab imhedda minn gwerra tal-biża', dik tal-1914-18. U forsi wkoll kien dan il-biża' ta' gwerra li kienet dik il-ħabta tinsab imdendla f'xagħra li ġiegħel lil Dun Karm jikteb:

> "*Jalla d-dinja tagħraf tħobbok,*
> *Fik il-qlub huma ħenjin*".

Ukoll bħal Dun Karm, Pemàn għal darbtejn igħid:

> "*Cristo en todas lås almas*
> *Y en el mundo la paz!*"

U, forsi, minħabba li kif jaf kulħadd, il-Kongress Ewkaristiku ta' Barċellona kellu bħala intenzjoni speċjali t-talb għall-paċi fid-dinja, il-poeta Spanjol kiteb dik l-istorja tant ħelwa li, iktar minn ħsieb personali hija xhieda qawwija ta' kemm tassew il-poplu Nisrani Spanjol jixtieq u jrid li fid-dinja kollha jsaltan is-sliem.

> "*Tiradas a tus plantas las armas de la guerra,*
> *rojas flores tronchadas por un ansia de amor,*
> *hagamos de los mares y la tierra*
> *como un inmenso altar.*"

Il-ħsieb tiegħi, dak jiġifieri, li nżomm ruħi fidil għan-natura u l-ħtieġa ta' artikolu li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jagħti xi tagħrif qasir fuq uħud *biss* mill-poeżiji ta' 'Dun Karm' u ta' Pemán ma jippermettilix nikteb iżjed fit-tul. Barra minn hekk, il-poeżija ta' 'Dun Karm' u ta' José María Pemán teħtieġ, kull waħda għaliha nnifisha, wisa' wisq akbar, biex ma ngħidx ukoll, intelliġenza kritika u anablitika ferm ifjen minn dik li nista' noffri jien. Ma rridx b'danakollu, nonqos li ngħid qabel nagħlaq dan l-istudju ċkejken li dawk kollha li bir-reqqa jaqraw il-kitba ta' 'Dun Karm' jew ukoll ta' Pemán, jilmħu fit-tnejn il-poeta liriku, epiku u reliġjuż — aspett li jidher ċar ħafna fix-xogħlijiet miġburin f'"X'Emmen il-Poeta" kif ukoll f'"Poesia Sacra".

Punt ieħor xejn inqas importanti huwa, tal-inqas għalija, li aktar milli sempliċiment iżejnu u jagħnu dawn ix-xogħolijiet il-letteratura ta' Malta u ta' Spanja, pajjiżi marbutin bejniethom b'aktar minn rabta waħda, juru wkoll il-ħajja ta' perijodu kbir u storiku.

U fl-aħħarnett nista' nistqarr bla ebda biża' ta' għelt, li wieħed jista' jieħu f'idejh dawn il-kotba kull darba li r-ruħ tiegħu tixxennaq sbuħija u delikatezzi ta' poeżija kristallina.

Aatonio Farrugia.

## VENEZJA

*Venezja! kemm nies mgħaxxqa bil-ġmiel tiegħek,*
*Hlew versi u pniezel biex jagħtuk il-qima.*
*Se' nkun jien dgħajjef tant jew xħiħ għal miegħek,*
*Li ma nagħmillekx ukoll jiena xi rima?*
*Tassew illi kulħadd sema' bi ġmielek,*
*Imma għalija jien rajtek l-ewwel darba,*
*U f'daqqa waħda wqajt irsir minn tiegħek,*
*Iżda ïrsir li qatt ma jlissen karba.*

*U int, belt ħelwa, għandek biex tiftaħar,*
*Bil-knejjes u l-palazzi li jżejnuk,*
*B'San Mark, u bir-Rialto, u l-Gran Kanal;*
*Iżda? Venezja, nidħak xħin niftakar,*
*Kif rajtek f'Lulju, bin-nies li jżuruk,*
*Qisu ,fl-aqwa tas-sajf, il-Karnival.*

E. AGIUS.

## XEWQAT MIKSURA

*Mill-katakombi mdawla tal-qalb tiegħu*
*Jara l-poeta — imgħaġġlin, qalbiena —*
*Xewqatu li trabbew u kibru miegħu*
*Telgħin ixerrdu d-dawl, ixerrdu l-ħniena.*

*U fuq id-dinja mjassra u mudlama,*
*Imdemma b'ġenn il-għira, b'ġiehha mtabba',*
*B'kelmtu mixgħula u mtajrin mit-tama*
*Jitlaqhom jgħannu l-innu ta' l-imħabba.*

*'Ma jerġgħu għandu u jinżlu kollha mnikkta*
*Fil-kenn tal-katakombi, wara l-ġlieda*
*Li jġarrbu mal-bnedmin — miksura u msikkta*
*Mill-qerq u l-ħjiena, mill-uħux qerrieda.*

*U l-qalb, hemm isfel, max-xewqat mifnija,*
*Tibki 'l din l-art kif beka Ġeremija.*

DUN FRANS CAMILLERI.

## SALTNATI

*Lil ħabibi Anton Buttiġieġ.*

*Saltnati wild il-beraħ,*
*Saltnati wild is-skiet,*
*'Il-bogħod mill-ġeġwiġija*
*Tal-kotra u tal-ibliet.*

*Kull fejn ix-xagħri jifrex*
*Dirgħajh f'bewsiet ix-xemx,*
*Hemmhekk ix-xettru nxejjer:*
*Saltnati bħalha m'hemmx;*

*Għax, waqt li slaten oħra*
*Rgħibin iħarsu biss*
*Biex jaħtfu ġid ħadd ieħor*
*U ġidhom ħadd ma jmiss,*

*Jien lest biex nagħti l-merħba*
*Lill-għani u lill-irsir;*
*Min jidħol ġo saltnati*
*Miegħi sultan isir.*

*Ejja int ukoll, biex miegħi*
*Tistagħna b'dan ir-rahan*
*Tal-ġid li biss jaf jagħti*
*Min hu l-Ogħla Sultan.*

*Max-xuxa tal-ħarruba,*
*Mad-daħla tal-peprin,*
*Mad-deheb tax-xgħir jixxejjer*
*Nixxiegħru ferħanin.*

*X'hemm isbaħ min-nixxiegħa*
*Li tgelgel tul il-wied*
*Leħenha qisu ġnieġel*
*Idoqqu fis-smewwiet!*

*X'hemm isbaħ mill-għadira*
*Li tħaddan ġo sehērha:*
*Il-blat, il-ward, is-siġar,*
*U s-sema, qisu f'mera!*

*L-għana tar-riħ ivenven,*
*Tax-xita nieżla qliel,*
*Tal-bjar bil-ġid jistagħnu,*
*Tar-ragħad jidwi għammiel,*

*Ifawwar bl-hena 'il qalbna*
*Daqs l-għana tal-għasfur,*
*Daqs ziffa mellisija*
*Fis-skiet ta' ġnien mistur;*

*Daqs mewġa li titbewwes*
*Maċ-ċagħak u mal-ħaxix;*
*Daqs bilbla fuq il-qasab*
*Tas-saqaf tal-għarix.*

*Il-bard, li b'sinntu jrekknek*
*Imgeddes ħdejn in-nar*
*Ngħożżuh daqs ir-rebbiegħa*
*Li timla l-ġnien biż-żahar.*

*Qalbna dejjem żagħżugħa*
*Għax ħielsa minn kull hemm*
*Ta' min żara' l-mibegħda*
*U ħasad dmugħ u demm.*

*Saltnati wild l-imħabba,*
*Saltnati dar il-ġid:*
*Tisboq kull saltna, għax fiha*
*Isaltan min irid!*

8-IV-54. GEORGE ZAMMIT.

## WARD U WARD

*Kif bexxaqt għajnejja ċkejkna*
*u tbissimt għall-ewwel darba*
*lil din l-art,*
*sibtni mdawwar b'hena u dija*
*fil-benniena qisha ġenna*
*kollha ward.*

*B'dawk l-uċuħ ilkoll jidħkuli,*
*ifissduni u jmellsuni*
*b'ġenn ta' ferħ,*
*kont stħajjiltni f'ħolma msaħħra*
*ta' tgawdija, sliem u mħabba*
*u ta' serħ.*

*Min jaf mela għaliex jiena,*
*għalkemm hieni fil-benniena,*
*ġie li bkejt.*
*Tgħid kont nobsor x'ġej għalija*
*u jien, ċkejken, bżajt mill-ħajja*
*li kont bdejt?*

*Imma ħtieġli mmid riġlejja*
*għax il-ħajja dejjem miexja......*
*bla waqfien.*
*U tlaqt nimxi: fi tfuliti*
*żied il-ward fil-ġmiel u l-fwieħa*
*kullimkien.*

*Ġrew is-snin fil-għors tal-ħajja:*
*l-hena tiegħi ġera wrajja,*
*u ħassejt*
*lil kulħadd dal-hena f'qalbi*
*jaqsam miegħi — kif minn dejjem*
*jien ħabbejt.*

*Taru s-snin...... Intfiet bħal ħolma*
*dik il-ġenna ta' ħajjitna......*
*u ma tarġax.*
*Għajr tifkira ħelwa tagħha*
*tleħħ ġo qalbna biex taħqarna*
*ma tibqax.*

*Iss'għaddiet ma' nofs żgħożiti*
*u din qalbi ntebħet sewwa*
*li mal-ward*
*kiber f'daqqa x-xewk bla ħniena*
*u l-ward nixef tal-benniena,*
*waqa' fl-art......*

*Mnalla żżurni l-Poeżija*
*biex tgħattili x-xewk tal-ħajja*
*bl-isbaħ lwien,*
*ta' ward ieħor li jwennisni*
*u jtaffili d-diqa f'qalbi*
*fl-eħrex żmien!*

DUN FRANS CAMILLERI.

## FIL-BERAĦ TAR-RABA'.

*Ave Marija! Jaslu t-tokki ħiemda*
*Tal-qniepen imbegħdin,*
*Jieqfu mill-ħrit il-bdiewa, u jistrieħu*
*Is-sikka u l-barrin.*

*U l-bdiewa żgħażagħ jinżlu għarkobbtejhom*
*Fuq l-artab tal-ħamrija,*
*Ix-xjuħ jitwieżnu magħhom u jitolbu*
*Bil-ħrara lil Marija.*

*U tisma' x-xjuħ jitolbu b'leħen kiebi*
*"......Fis-siegħa tal-mewt tagħna......"*
*Iħossu l-waqt li għad irid jifridhom*
*Mill-bdiewa żgħar, daħkana.*

*Tara titgerbeb minn għajnejhom safja,*
*Demgħa li tleqq fid-dija*
*Tax-xemx li nieżla, ħamra-nar, minn wara*
*L-għoljiet bin-ngħaġ mimlija.*

*Bin-ngħaġ li għadhom jirgħu! X'dehra sbejħa!*
*Is-sliem għalik Marija!*
*Anqas Millet ma ra fi Franza tiegħu,*
*Dil-ġenna ta' sbuħija.*

14-1-51. P. Marianus Vella O.F.M.

## ZELL-AM-SEE

*Ġo l-Awstrja, ħdejn Salzbug*
*Jinstab raħal daħkan,*
*Ħdejn lag, qalb il-muntanji,*
*Zell-am-See l-isem ta' dan.*
*Jien midneb u l-Ġenna,*
*Naf illi mhix għalija,*
*Iżda jekk xi ħaġa ħaqqni*
*Daqsxejn bħala tpattija,*
*Xi ħaġa tal-paċenzja*
*Illi bin-nies jien ħadt,*
*Talli żammejt ilsieni*
*U ma bgħattx lil kulħadd,*
*Fejn sewwa sew kien lilhom*
*Jisthoqqilhom imorru,*
*U minflok qgħadt nismagħhom*
*Jien, bis-sabar, igorru.*
*Ta' dan, Sinjur, nitolbok,*
*Kulltant jumejn liv tini,*
*Mill-post fejn inkun qiegħed,*
*Post fejn mhemmx biskuttini.*
*Ħallini nerġa' niġi*
*Fil-pjazza, f'xi kafe,*
*Fil-lag jew fil-muntanji,*
*Tal-ħelu Zell-am-See.*

E. Agius.

# L-Impressjonizmu

*Essay ta' Joseph Meilak*

Il-gwerra ta' l-1870 qanqlet diżordni kbira fi Franza. Iżda minn din it-taqbida twieldet ħajja ġdida: Franza saret art imfawwra b'ħerqa u bżulija kemm fix-xjenza u kemm fl-arti. Kien jinħass tassew il-ferħ tal-ħajja, u għalkemm it-teknika ndustrijali ta' żmien mekanizzat kienet qed tissaħħaħ, u b'hekk tiġbed eluf ta' ħaddiema mill-kampanja għal l-ibliet, l-artist fittex aktar minn qabel il-ħelsien fin-natura. F'dawn is-snin ta' ħerqa twieled l-Impressjoniżmu.

Li tagħti d-data eżatta li fiha ħa l-ħajja dan il-moviment m'hix ħaġa ħafifa. Wieħed mill-artisti tal-grupp Impressjonista, Camilli Pissarro, stqarr: "Niftakar li għalkemm kont mimli ħeġġa, ma kellix l-iċken ħjiel, l-anqas fl-għomor ta' erbgħin sena, tal-moviment li nstintivament konna qegħdin nibnu. Hu kien fl-arja". Ftit qabel l-1870, għadd ta' pitturi, li mxabbgħa mill-arti ta' żmienhom kienu qegħdin ifittxu mezzi ġodda ta' espressjoni, kienu mdorrija jiltaqgħu fil-Cafè Guerbois ġo Pariġi, u hawn jistħarrġu n-natura tad-dell u kif jista' jintwera l-volum ta' oġġett impitter. Fost dawn il-kixxiefa u għalliema ta' teoriji ġodda, l-aktar qalbiena kienu Monet u Pissarro. Huma qatt ma hedew iħeġġu lil sħabhom biex jitilqu l-istudju u jpittru fil-beraħ.

Fl-1871, Monet u Pissarro marru Londra, fejn saru jafu bil-pittura ta' Constable u Turner, u mix-xogħlijiet taż-żwieġ pitturi artisti Ingliżi, huma ntebħu li t-tkixxif tagħhom ma kienx it-teoriji tagħhom mingħand Constable u Turner. Minn għandhom ħadu biss twettiqa ta' idejat, li sa dak iż-żmien kienu msawra, u għalkemm l-iskopijiet tagħhom jistgħu jixxebbhu, bejniethom hemm differenzi li mhux għalkemm tinsiehom. Turner, fl-aħħar snin ta' ħajtu, ħoloq xogħlijiet, fosthom "Steamship caught in a Snowstorm" u "Speed" li ġibdu lil Monet minħabba kif il-pittur wera d-dawl u l-arja b'irqajja maqtugħa ta' kulur pur. Constable, xi erbgħin sena qabel Monet, kien beda jistudja b'sinċerità kbira l-ilwien tan-natura: hu kien sab li fil-ħolqien ma hemmx linji, iżda żoni ta' kulur differenti. [il-kwadru "Stoke by Neyland" (1836) jurina kemm hu mimli ħajja l-pajsagg maħsub bid-dawl ta' Constable]. Il-lewn ta' siġra hu magħmul minn għadd bla tarf ta' tikek żgħar, li taħt it-tħarrik u r-riflessjoni tad-dawl joħolqu fl-għajnejn l-impressjoni ta' aħdar.

Il-pitturi akkademiċi kienu jagħtu lewn kaħnella jew lewn iż-żebbuġa lill-weraq. Hu magħruf sew l-aneddotu kif Constable qiegħed vjolin fuq il-ħdura, u saqsa lil sħabu jekk l-ilwien tal-vjolin u tal-ħaxix kienux jaqblu. Għalhekk mhux ta' min jistagħġeb li x-xogħlijiet ta' Turner u ta' Constable mlew lil l-Impressjonisti b'ħeġġa kbira. Iżda l-mezzi tagħhom ikunu differenti. Constable inqeda bil-"chiaroscuro"; fix-xogħlijiet ta' l-Impressjonisti, dan il-kuntrast fundamentali bejn iswed w abjad ma nsibuhx ukoll, Pissarro qalilna li Constable ma kienx jaf xi tfisser l-analizi tad-dell jew id-diviżjoni tal-kuluri.

Fi ftit kliem, x'liġijiet ġodda kixfu l-Impressjonisti? Dawn l-artisti sakkru l-istudju u harġu jpittru fil-beraħ, u din il-mawra fil-wisgħat u fl-arja ħarbtet it-tradizzjoni kollha ta' l-arti. L-arti akkademika jew tradizzjonali kellha għadd ta' prinċipji dwar kif għandha tkun impittra n-natura; bosta minn dawn il-prinċipji kienu artifiċjali, mibnija fuq sekli ta' pittura fil-magħluq. L-Impressjonisti riedu jinsew kif għal erba' mitt sena l-artist kien wera s-siġar u l-arja. L-ewwel daqqa ta' ħarta ntagħtat lill-"chiaroscuro" ta' Caravaggio: minflok firda definita bejn forma u ombra, huma ħolqu armonija permezz tar-relazzjonijiet bejn il-kuluri. Huma studjaw bir-reqqa d-dellijiet, u ddeċidew li dawn ma kellhomx jintwerew aktar bl-iswed jew bil-griż, iżda bi lwien li jgħinu biex jinħataf l-effett ġerrej tad-dawl, u b'hekk tinkiseb l-impressjoni li l-oġġetti mpittra qegħdin jgħumu f'atmosfera ta' dawl. U dan kollu kien il-kawża ta' teknika ġdida fit-taħlit tal-kuluri, li nqasmu f'kuluri primarji — aħmar, ikħal u isfar, u kuluri sekondarji — aħdar, oranġjo u vjola. Għalhekk ngħidu aħna, l-ikħal jinħtieġ l-għajnuna taż-żewġ primarji l-oħra, aħmar u isfar li flimkien jagħmlu oranġjo, il-lewn sekondarju. Dan it-taħlit ta' kulur ma kellux isir fuq il-paletta, iżda fuq it-tila nnifsha. B'din it-teknika, il-kwadru jinbidel f'nisġa ta' lwien, mibnija b'daqqiet żgħar, ħfief u ħielsa ta' kulur pur. Hekk fil-kwadru "Sajjieda" ta' Monet insibu studju fit-teptip tal-kuluri, fejn il-mera lixxa ta' l-ilma, hi miksura b'għadd ta' oġġetti li huma dgħajjes u bnedmin. Xejn m'hu mħolli jħassar l-analiżi li l-għajnejn jagħmlu f'ħin qasir; l-anqas ma nsibu xi storja. Dan il-metodu ħoloq kwadri li jixegħlu u jilmgħu b'mod tal-għaġeb, kwadri li bħalhom l-aqwa pitturi ta' qabel qatt ma kienu għamlu. Il-pittura reġgħat kisbet l-emozzjoni kollha tagħha — ma baqgħatx aktar, biss wirja ta' disinn jew volum. Il-kulur sar il-qoxra ta' kollox; kulur id-dell, u kulur il-forma, u taħlita kuluri l-arja, li tgħawwem kollox f'banju ta' ħajja, tibdil u eċċitament. U għal żmien qasir il-kulur sar l-ogħla espressjoni

taċ-ċiviltà — fil-pittura ta' l-Impressjonisti, fil-poeżija ta' Mallarmè u s-Simbolisti, u fil-mużika ta' Debussy.

Fl-1874, saret l-ewwel wirja ta' kwadri Impressjonisti. F'din il-wirja kien hemm xogħlijiet ta' Monet, Pissarro, Sisley, Renoir, Ceżanne u Degas; intwerew ukoll xi kwadri ta' Manet, li sa l-1874 kien magħruf sew. Il-kritiċi u l-pubbliku marru għall-wirja, u r-riżultat kien daħk, tmaqdir u żeblih. Wieħed mill-kritiċi, biex jiddieħaq, ta l-isem ta' "Impressionistes" lil dan il-grupp, minħabba xi studji ta' Monet. L-artsti nnifishom laqgħu dan l-isem, isem li jibqa' tagħhom tul is-snin. Ta' min ifakkar li l-ismijiet, Gotiku, Barokk u Rokoko, ukoll intagħtaw b'żufjett.

Monet u Pissarro flimkien żviluppaw it-teoriji ta' l-Impressjoniżmu, u t-tnejn baqgħu jaħdmu fuq dawn it-teoriji sat-tmiem ta' ħajjithom — it-tnejn mietu fl-1926. Claude, Monet, f'żgħużitu kien ta' sikwit ipitter fil-kumpanija ta' Eugene Boudin, li f'xi kwadri tiegħu tal-kosta Franċiża rnexxielu joħloq sensazzjoni ta' dawl, ta' żiffa u ta' ċaqliq il-mewġ. Monet fehem li Boudin kien kiseb dawn l-effetti, għaliex minflok li ħadem fl-istudju, ħareġ fil-beraħ u kkopja s-suġġett direttament. Iżda Monet ried jimxi aktar 'il quddiem. Huwa ried jaqbad fuq it-tila d-deħra eżatta tal-ħolqien; għalih din id-deħra ma kellhiex x'taqsam ma' l-immaġinazzjoni, għaliex kienet biss l-att tal-ħars. Fuqu, il-kbir Cézanne qal: "Monet hu għajnejn biss, iżda x'għajnejn". X'uħud jaħsbu li Monet kien jinqeda ż-żejjed bit-teorija, iżda huwa nnifsu stqarr: "Jien dejjem kont nibża' mit-teoriji; jien biex niftaħar m'għandi xejn ħlief li pittirt direttament min natura, u li fittixt li nfisser l-impressjonijiet quddiem l-effetti l-aktar ħarraba". Dawn l-effetti ħarraba, Monet għallem, jinħtieġ jinħatfu f'teptipa t'għajn — in-natura trid toħodha għal għarrieda. Għal ħabta ta' l-1874, hu rnexxielu jdawwar għal l-Impressjoniżmu l-għalliem tiegħu, Edward Manet, li b'danakollu kien wisq xort'oħra minnu.

Kif għidt qabel, Camille Pissarro, sakemm miet fl-1926, baqa' jpitter fl-istil Impressjonista. B'danakollu hu kien il-kixxief dejjem attiv; xorob xi ftit min-naturaliżmu ta' Corot, Millet u Courbet, mill-"Pointillisme" ta' Seurat u Signae u wkoll ħass xi ftit l-influwenza ta' Gauguin. B'hekk il-pittura tiegħu stagħniet mingħajr ma tilfet mill-personalità tal-ħallieq. Turmentat u qatt hieni bix-xogħol tiegħu, hu xtaq li "jimxi fuq is-sensazzjonijiet, u b'hekk jagħti l-ħajja u l-moviment. Il-kwadri ta' Pissarro huma aktarx ġentili u profondi. Hu jqajjem f'min jara l-kwadru l-atmosfera tal-post impitter; armonija

fina tilma minn minimum ta' rakkont. Jista' jkun li għandu ma nsibux l-eċċitament li nsibu għand sħabu; iżda għal min ifittex fil-fond, fl-arti tiegħu hemm ġmiel li mhux għalkemm jintesa.

Ma' Pissarro nsemmi lil Alfred Sisley, li wkoll kien Impressjonist pur. Il-pittura tiegħu hi allegra u xi ftit superfiċjali. għalkemm dan ma jistax jingħad għal kwadru bħal "L'Inondation". Hu kien poeta, "poeta Ngliż" fi kliem Clier Bell — hu twieled f'Pariġi minn ġenituri Ngliżi. Quddiem in-natura hu kien jimtela b'umiltà u mħabba. Kull staġun għalih kien ġdid, ukoll kull jum u kull siegħa.

Monet, Pissarro u Sisley kienu l-Impressjonisti puri. Kien hemm xi pitturi oħra, li għalkemm sikwit jitqiesu bħala Impressjonisti, għaliex ftit jew wisq ħabirku għall-idejal ta' l-Impressjoniżmu, tbiegħdu mill-puriżmu biex jagħtu widen lill-individwalità tagħhom. Dawn kienu Renoir, Degas u Cézanne. Hawnhekk ma nistax nitkellem fuq Cézanne, dak l-artist ġganti li fetaħ oriżżonti ġodda, u li ta wild lil ħafna fergħat ta' l-arti tas-seklu għoxrin; għalkemm hu ħa sehem fil-wirjiet ta' l-Impressjonisti, l-arti tiegħu hi, nistgħu ngħidu, opposta għal l-Impressjoniżmu.

Auguste Renoir beda l-karriera artistika tiegħu bħala pittur tal-porċellana. Ingħaqad ma' l-Impressjonisti x'ħin għaraf il-modulazzjoni u l-effett fluwidu ta' l-arti l-ġdida; iżda wara l-1880 tbiegħed fuq triq li wasslitu fil-quċċata artistika tiegħu. Fil-perjodu Impressjonista, Renoir għanna l-ħajja ta' Pariġi Sab l-idejal tiegħu fil-"facibourgs" ta' din il-belt; fit-tfajliet sbieħ u allegri sejrin lejn ix-xogħol, jew jiddevertu fil-ġonna. Din kienet tassew "le contemporaneite" ta' Baudelaire, u "la vierge, le vivace et le bel aujordheir" ta' Mallormè. Iżda beda jħoss il-ħtieġa li jfassal is-suġġetti tiegħu bi preċiżjoni akbar għal ħabta ta' l-1880, u sa' l-1890 sab għal kollox l-espressjoni naturali tiegħu. Dan hu l-aqwa żmien ta' Renoir. F'dawn is-snin twieldu l-għawwiema glorjużi tiegħu, fejn il-ġisem jieħu l-lewn delikat u sħun tal-ward: twieldu wkoll f'dawn is-snin il-pajsaggi mlewna ta' Franza t'Isfel. B'hekk l-artist jgħanni l-innu tiegħu lis-saħħa u lill-ferħ fiżiku, kif kienu għamlu b'mod tal-għaġeb l-artisti tal-grajja Antika. Aktar ma għadda ż-żmien, aktar saret klassika l-arti ta' Renoir; hu beda jagħti aktar importanza lill-forma u lis-solidità, u b'hekk mexa wara l-passi tal-pitturi tar-Rinaxximent. Fil-kwadri tiegħu, il-linja ssir nisġa ta' kulur u dawl ta' saħħa liema bħalha; u fl-aħħar snin ta' ħajtu, hekk qawwija saret il-ħakma tiegħu fuq il-kulur u fuq id-dawl li x-xogħlijiet tiegħu jiksbu valur simboliku.

Lit-tfal u lin-nisa kien iħobbhom wisq, u lilhom pitter bħal li kieku kienu fjuri ta' sbuħija bla tarf, il-ġawhar tal-ħolqien. Renoir ma ċaħadx l-għamliet familjari, l-anqas ma neżża' dawn l-għamliet mill-karatteristiċi umani, iżda lilhom igglorifika u talla' f'saltna oħra ta' ġmiel u kobor.

Jekk niflu sew ix-xogħlijiet ta' Edgar Degas, insibu li għalkemm uża l-ilwien ta' l-Impressjonisti, hu ma setax jagħlaq għajnejh għall-ħtieġa ta' disinn eżatt. Huwa kien disinjatur dixxiplinat, u għalhekk kien jara f'Ingres, jekk m'hux idolu, għal l-inqas imgħallem kbir tad-disinn linjari: qatt ma nesa l-proverbju ta' l-Ingressisti: "Il-linja hi l-prova ta' l-arti; l-unur ukoll." L-istudju ma telqux; xħin saqsewh l-għaliex, Degas wieġeb: "Il-pittura m'hix xi sport." Fil-kwadri tiegħu ried jagħti l-impressjoni ta' spazju, u ta' għamliet solidi murija minn angoli li ftit tistennihom. F'din il-għalqa hu kien influwenzat mill-istampi Ġappuniżi li f'dawn is-snin kienu qed jimlew l-Ewropa. Hu kien jinteressa ruħu wisq fil-figura umana u l-movimenti tagħha, iżda dan l-interess kien limitat, u ma kienx mixgħul bl-imħabba ta' Renoir. Degas kien imur għar-"rehearsals" tal-ballet, fejn kien jista' jdur minn naħa għal l-oħra tat-teatru, w b'hekk jistudja l-movimenti taż-żeffiena minn kull angolu. Degas ma kellux moħħ ġmiel iż-żeffiena; ried biss juri r-relazzjoni bejn moviment u dawl, u dan għamlu hekk tajjeb li ma jistax ma jqanqalx l-ammirazzjoni tagħna. Id-dwal tar-ribalta joħolqu effett ta' seħer fid-dublett idur tal-prima ballerina. Naħseb li nistgħu ngħidu li Degas kien artist ta' talent kbir, li b'danakollu ma meraħx fil-wesgħa. Għażeb, b'ilsien iniggez, l-aktar kontra l-Lhud, fl-arti tiegħu ma tagħniex dik it-tweġiba profonda li tana Renoir.

Edward Manet ma kien marbut ma' l-ebda skola; daħal hawnhekk għaliex pitter xi kwadri ta' preġju għoli fl-istil Impressjonista. Manet iltaqa' ma' resistenza kbira għaliex ċaħad il-prinċipji ta' l-Akkademja Franċiża, li f'dak iż-mien kienet għaddejja minn perjodu ta' klassiċiżmu falz. Hu tgħallem it-teknika tal-kulur mingħand Tiziano, Velazquez u Goya; iżda għalkemm sab l-ispirazzjoni tiegħu f'artisti barranin, fix-xogħlijiet tiegħu kien Pariġin "par excellence". Fl-1863, żewġ kwadri tiegħu, "Dejeuner sur l'Herbe" u "Olympia" ma tħallewx jieħdu sehem fil-wirja tas-Salon. Ftit wara huma ntwerew ma' xi kwadri oħra ta' xejra rivoluzzjonarja f'sezzjoni li nħalqet għalihom, imsejħa "Le Salon de Refuses".

Iżda biż-żmien, il-pubbliku draħ lil Manet; fix-xogħlijiet tiegħu sab klassiċiżmu moħbi, u b'hekk il-kuxjenza tal-"bourgoisie" rispettabbli kienet ikkalmata. Intqal li Manet ma kienx

għamel ħaġ'oħra ħlief għaqqad il-klassiċiżmu mar-realiżmu — għandna niftakru li l-iskola realistika ta' Courbet kellha effett kbir fuq Manet. Zola ddefendieh b'ħerqa kbira, għaliex fih lemaħ mezz biex imexxi 'l quddiem ir-realiżmu fil-letteratura. Fl-1874, Monet irnexxielu jikkonverti lil Manet: iżda Manet qatt ma ċaħad għal kollox it-teknika tiegħu, fosthom il-modulazzjoni aristokratika ta' lewn il-perla u qriż. Fl-1882, sena qabel mewtu, hu pitter il-kapolavur ta' l-aħħar epoka tiegħu — il-"Bar fil-Follies Bergere". L-ebda ħjiel ma jista' jkollna ta' ħsibijiet it-tfajla, wieqfa w iebsa wara l-bar: hi m'għandhiex ruħ. L-ebda qalb ma tħabbat taħt il-ġilda lixxa li taqta fuq il-bellus ikħal tal-ġakketta skullata. B'danakollu din ix-xbieha tagħti bilanċ liż-żifna tad-dwal fil-mirja ġgantija u fil-fliexken tax-xorb lill-fidda tal-fanali u l-ilbies imlewwen tan-nisa.

It-tibdil hu liġi tan-natura; ħaġa tajba kemm hi tajba trid tintemm, biex ħaġa oħra timla postha. Il-ferħ u l-ottimiżmu bejn l-1870 u l-1880 ma satgħux jissoktaw. Il-qtigħ ta' qalb, minn dejjem qrib, raġa' beda jgħajji l-arti Dan ħassewh l-Impressjonisti li xterdu ma' kull riħ waħidhom fil-kwiet, im-kedda minn dubji ħarxa, huma xtaqu jqajjmu l-ispirtu li għeb. Iżda għal xejn: kienet daqqet il-qanpiena ta' mewt l-Impres-sjoniżmu. Kwadri impressjonisti għadhom jitpittru sal-lum, iżda s-saħħa, it-twettiqa spiritwali tal-moviment li kienu bnew ftit artisi bla sold, kienet inħliet. Bejniethom, l-Impressjonisti ma qablux għal kollox, u b'dan ma għandniex nistagħġbu; nis-tagħġbu b'kemm qablu. Nistagħġbu wkoll bil-qlubija ta' dawn l-erba' jew ħames artisti li tqabdu ruħ u ġisem ma' dak kollu li għallmu l-Akkademji, sakemm raddew lill-Arti s-sinċerità u l-verità li kienet tilfet.

# "Melodiji u Kuluri" ta' Gorg Pisani

*Studju kritiku ta' C. Lia*

Poeta maħbub minn kulħadd raġa' għolla leħnu darba oħra biex isemmgħalna għanjiet qalbu. Wara xi ftit tal-bruda li jġibu magħhom is-snin tal-gwerra, Ġorġ Psani beda jqas-sat mill-ġdid il-poeżiji tiegħu, illi huwa ġabar fil-kotba *Waltz tad-dellijiet* (1949) li fih biss mitt sunett u *Melodiji u kuluri* (1953) li fih poeżiji ta' kull għamla u li fuqu ser nitħaddtu.

Kif wieħed jista' jifhem mill-istess titlu "Melodiji u kuluri," l-ambizjoni ta' Pisani f'dan il-ktieb mhija xejn kbira. L-iskop tal-poeta mhuwiex li jheġġeġ lill-qarrejja tiegħu għal

xi egħmil qalbieni jew patrijottiku, għax donnu demmu bired u tilef is-sħana tal-ħeġġa. Iżda huwa donnu ried, u tabilħaqq irnexxielu, illi jinterpreta b'poeżija safja l-melodiji sbieħ u l-kuluri mżewqa li jgħammru ġo moħħu. U tabilħaqq dawn il-melodiji u kuluri huwa jarahom kullimkien madwaru, imma l-iżjed fi ħdan in-Natura fejn moħħu jista' jimraħ iżjed fil-bogħod, u minn fejn huwa jieħu l-iżjed ix-xrara ta' l-ispirazjoni. Għalhekk ma nistax niżbalja jekk jien, imħabba dawn il-poeżiji, nsejjaħ lil Pisani poeta tan-Natura; għaliex f'dawn il-poeżiji huwa jidher mhux imniġġes mit-tħassir u s-sofistikazjoni tad-dinja moderna; iżda għall-kuntrarju, l-għajn tal-ispirazjoni tiegħu, hi tant bla nikta, illi tista' tistħajjilha illi għadha fl-istat primittiv tagħha.

Il-kwalità ta' din il-poeżija tiddivrenzja lil Pisani minn kull poeta ieħor. Ċertament klassiku ma hux, u lanqas tista' ssejjaħlu romantiku sa barra. Ir-romantiċi ingliżi, mbergħna għall-klassiċiżmu ta' missirijiethom, warrbu kull konvenzjoni poetika u fasslu poeżija ġdida. Il-karattri tan-nies li pinġewlna, tista ssejħilhom nies tal-ħolm; per eżempju, xi kavallier li jisraq xebba minn ħalq l-egħdewwa, jew xi baħħar li mitluf f'nofs baħar bla qies jara l-mewt u 'l seħbitha jaqtgħu x-xorti biex jaraw min minnhom ser jirbaħ lilu. Iżda r-romantiċi kellhom ġibda kbira għan-natura, u din il-ġibda kienet għalihom, kif igħid Wordsworth, imħabba fil-veru sens tal-kelma. Ir-romantiċi kienu wkoll jiflu l-ħsibijiet l-aktar profondi ta' ruħhom, igħannu fin-niket u fil-ferħ skond it-tiġrib li jkunu għaddejjin minnu. Issa, jekk nipparagunaw din il-kwalità ta' poeżija mal-kwalità ta' poeżija fil-Melodiji u Kuluri, jista wieħed iqarras wiċċu u jgħid li din mhix veru romantika. Iżda b'daqshekk il-ġieħ ta' Pisani mhux ser jiġġarraf, għaliex l-intenzjoni tiegħu ma kenitx li jikteb poeżija romantika kif fehmuha l-poeti tas-seklu dsatax, iżda poeżija romantika kif fehemha hu.

Il-"Melodiji u Kuluri" jibda bi "Preludio". F'din il-poeżija nsibu l-ewwel aħbar fuq l-istat intelletwali tal-poeta, li jifraħ bil-miġja taż-żerniq li jġib miegħu l-ġmiel u l-ħajja. Huwa jibqa' mistagħġeb bil-ġmiel ta' "Ommna n-Natura" fejn jisma' l-"għana nebbieħi u ferrieħ" u jara s-"sema kif sar lewn il-kuluri." It-tieni poeżija, msejħa "Rapsodija" hija wkoll ta' l-istess element deskrittiv, iżda fiha l-immaġinazjoni hija iżjed imħaddma. Il-poeta qisu qabad pinzell f'idu u beda jpitter fuq it-tila xena tar-Ramla t'Għawdex "imħanna ġewwa n-nagħsa ta' misteru", u maħsula bid-dawl ta' qamar, fil-waqt li Calypso, hi u tibki l-maħbub tagħha tgħid:— "Mingħajr imħabba l-ħajja/hi mewt fid-dinja tagħna". Mal-mixi tal-qamar ix-xena

titbiddel, u r-Ramla tidher miżgħuda bil-vilel Rumani, u l-ħajja rumana kif joħolmuha l-poeti, tinfirex quddiemna. Iżda l-qamar baqa' miexi u x-xena nqalbet u dehret dehra tan-niket u d-demm, fejn il-Maltin kienu jitqabdu mal-Musulmani li fl-aħħar kellhom jaħarbu "bil-għajb mgħobbijin". Din il-poeżija ma tistax ma togħġobx għax fiha Pisani jidher bl-immaġinazjoni ħajja u friska, jofroq iż-żmien u jqajjem l-imgħoddi.

Sabiex inżommu l-istess linja ta' kritika jeħtieġ li naqbżu għall-poeżija "Il-Festa ta'Kuluri". Hawnhekk il-poeta jħalli l-ġwienaħ tal-ħsieb jaħarbulu wisq minn idejh, u għalkemm il-poeżija hija kurjuża u nteressanti, jonqosha dik l-unità li teħtieġ poeżija tajba. L-iskop tal-poeta, ma għandniex xi ngħidu, kien li jiċċelebra l-festa tal-kuluri diversi; żda hawnhekk għamel iżjed minn dan u daħħal elementi fantastiċi u assurdi bħall-Imħabba li twieldet miż-żwieġ tas-Sbuħija u l-kulur aħmar. Il-ħsibijiet ukoll, għalkemm ħafna minnhom poetiċi, bħal "Spirtu ta' kull ferħ, idea eterna/is-saħħa tal-bnedmin", huma ħafna drabi xejn iżjed minn sthajjil astratt imlibbes bil-konkret, illi x'aktarx idaħħak milli jimpressjona s-sens artistiku. Din il-poeżija jonqosha wkoll motiv predominanti li ġiegħel il-poeta jikteb u li l-qarrej jifhem u jibqa' jiftakar. Mhux hekk iżda ngħidu għall-"Festa tal-Baħar". Dik il-poeżija donnha ispirata mill-misterju ta' kif it-tlitt gżejjer żgħar tagħna baqgħu jgħumu f'wiċċ l-ilma wara li l-għonq, li kien jgħaqqad iż-żewġ kontinenti flimkien intilef taħt il-baħar. Il-poeta jidher ukoll li jrid jiċċelebra l-ġmiel tad-dgħajsa nazzjonali t'Għawdex billi jisthajjel il-Baħar mibdul fi tfajjel kuntent li jagħżel bħala ġugarell tiegħu dgħajsa tal-latini mgħobbija bl-uċuħ t'Għawdex. F'din il-poeżija mela, nsibu mhux biss deskrizjoni ħajja iżda wkoll dak il-ferħ patrijottiku li l-poeta jħoss meta jibda jikxef ġmiel art twelidu.

Dawn huma l-poeżiji l-aktar importanti kemm ukoll l-itwal fil-ktieb "Melodiji u Kuluri." F'dawn il-poeżiji l-poeta jurina s-sinċerità tal-ħsibijiet tiegħu, għax huwa jfawwar qalbu bil-ferħ meta jilmaħ ġmiel in-natura. Rajna kif moħħu qed ifittex biss fejn isib il-ġmiel: fis-sema, fil-baħar fl-art, fil-ħxejjex u fil-frott. Il-poeta huwa mitluf fi ġmiel il-Ħolqien u donnu minsi mill-bniedem u mill-attwalità tal-ħajja, jgħix rasu fil-kwiekeb.

Jekk issa naqbdu l-poeżija "Funeral" aħna nsibu 'l-poeta mhux iżjed ferħan u bil-ġmiel ta' madwarna, iżda mbergħen għall-ipokrisija tan-nies li juru mħabba u jħossu mibegħda. Il-veru mħabba qiegħda biss mal-Ħallieq "ġo dehra ta' ġmiel u dawl mimlija". Fil-poeżija "Bibien" li għandha valur letterarju żgħir ħafna, insibu lill-poeta jabbanduna t-tama tar-reliġjon u jaqa' f'apatija morali, kif jiġri ħafna drabi lill-poeti sensittivi. U fil-poeżija "Intermezzo" il-poeta nsibuh mifluġ u għajjien

mill-ħajja jgħajjat għajta ta' qsim il-qalb:—

*fiha nar wisq, fiha nar wisq ġo fiha".*
*"Niċħadha diż-żgħożija,*

Din il-poeżija timpressjonak, għax hi verità tal-ħajja li fiż-żgħożija l-bniedem jiġi mġarrab minn forzi qliel wisq.

Il-poeta nsibuh ukoll ħafna drabi f'attitudni riflessiva. Insibuh jifraħ bid-don tal-poeżija, għax, kif igħid hu, meta "ħsiebi jixgħel" u "jiddawwal bid-dija", "tal-ħajja ta' kollox

inħossni sultan."

F'"Għanjiet" imbagħad igħidilna li hu mhux la kemm jaqbad u jikteb il-poeżija, għax din trid moħħ f'loku u qalb imqanqla. Il-poeta jħobb ukoll jitbekka fuq il-ħajja li għaddiet u dik l-enerġija ta' dari li tilef għal dejjem. Fl-età tiegħu diġa beda jara l-imgħoddi bħall-ħolma u li ġej imdallam fl-inċetezza.

Poeżiji ta' mħabba għas-sess l-ieħor ftit insibuhom f'dan il-ktieb. "Tnehida" hija poeżija tassew milquta anzi nista' nsejjħilha klassika għaliex tixbaħ il-liriki ta' Tibullus. L-imħabba hija kwieta u rżina u mhi xejn imqarba u vulgari. Interessanti wkoll il-poeżija qasira "Għanja ta' nkejja", l-aktar, iżda, meta tkun taf xi ftit mill-ħajja ta' l-awtur. Mhux darba u tnejn il-poeta beka l-imħabba miċħuda.

"Fil-"Melodiji u Kuluri" nsibu lil Pisani jesperimenta wkoll f'poeżiji reliġjużi b'risultat artistiku daqsxejn dubbjuż. Bħala l-poeta nazzjonali t'Għawdex, kien xieraq li jieħu f'idejh il-kitba ta' poeżiji għall-okkażjoni reliġjuża bħal dik ta' meta ħadu l-kwadru mirakuluż tal-Madonna ta' Pinu ġewwa l-belt Vittorja. Iżda l-poeta, għalkemm qeda dmiru sewwa bħala kittieb, sab li naqaslu dak l-entużjażmu poetiku u dik l-inspirazjoni mqanqla li wera drabi oħra. Li tikteb poeżija reliġjuża tajba hi xorti li tmiss lil ftit poeti u jidher li Pisani kellu minnha ftit wisq. Għax għalkemm fl-"Għanja tal-merħba" il-poeta juri mħabba lejn il-Madonna, huwa ma jurix dik il-qawwa ta' ħsieb li nsibulu f'poeżiji oħra. "L-ewwel Ġebla" hi wkoll poeżija maħduma għall-okkażjoni speċjali Sabiħa tismagħha minn kor tajjeb tat-tfal, iżda hija tedjuża u prożajka meta taqraha. Fuq kollox ma fiha l-ebda xrara ta' ispirazjoni. Iżda fil-poeżija "Omm u Omm" issibu li ħoloq kwadru ħaj minn żewġ ġrajjiet kbar fil-Bibbja. Din hi waħda mill-aħjar poeżiji reliġjużi ta' Pisani għax fiha konċentrazzjoni tal-ħsieb u kuntatt tajjeb bejn l-omm ta' Najru u l-Omm tal-Kalvarju.

Mill-ftit li rajna, mela, nistgħu ngħidu li Pisani fil-"Melodiji u Kuluri" hu poeta li jersaq ħafna lejn ir-romantiċi billi jmur fin-natura biex isib il-ġmiel, l-ordni u l-imħabba, billi jifli r-ruħ tiegħu fil-ferħ u fil-nemm, u billi jippurtah ftit mill-problemi li jħabbtu l-bniedem. Iżda għalkemm Pisani jersaq ħafna lejn

ir-romantiċi, huwa ma jsir qatt poeta romantiku kif nifhmuh mill-istudju tal-poeżija tas-seklu dsatax.

Ġorġ Pisani, minn barra minn fid-drammi soċjali tiegħu, jidher li qatt ma ħabbel rasu bi problemi filosofiċi jew morali, illi llum, f'dinja ta' nkwiet u ta' idejat imħallta, jistgħu jħabbtu mhux lil wieħed u tnejn., iżda lil ħafna u ħafna. Illum hemm bżonn illi kulħadd ikun appostlu, u l-arti, bħala parti integra minn ħidmiet il-Bniedem, hemm bżonn li tiġi mħaddna għal skopijiet intellettwali u fejjieda u ta' siwi morali u reliġjuż għal kulħadd. Hemm bżonn li l-artisti tagħna jaħdmu bl-istess sistema organizzat ta' dawk l-artisti li mhumiex magħna. Kif l-artisti anti-kristjani u pagani jinqdew bil-ġmiel biex iħassru l-ġenerazjoni li tielgħa, u kif huma jinqdew bl-arti sabiex il-valuri immorali jieħdu post il-valuri morali, sakemm iġibu lill-umanità taħt bandiera waħda ta' materjaliżmu u paganiżmu, hekk ukoll l-artisti Nsara għandhom jagħmlu appell, bis-sbuħija tal-Arti, lis-sentimenti reliġjużi u morali tal-ġenerazjoni ta' żmienna.

# Omnibus

*ta' A. Cremona.*

FILOLOĠIJA U STORJA.

1. *Forom ta' Nomi mit-Taljan jew Sqalli*

Nomi tal-forma KvKKv, *mhux imnisslin minn verbi,* huma iktarx ta' nisel barrani jekk fihom ma jkunx hemm radikali laringali (tal-gerżuma).

*Mudell PERLA*

| *Nisel barrani* | *Nisel semitiku* |
|---|---|
| Venda | Berqa |
| pesta | fergħa |
| ferla | rebħa |
| lenza | mergħa |
| berġa | xewqa |
| mensa | sengħa |
| ċerna | xemgħa |
| merċa | demgħa |
| renta | werqa |

In-nomi *ġebla* u *xewka* u xi ieħor huma eċċezzjoni.

N.B.—Ħafna minn dawn in-nomi fil-Malti jbiddlu l-ewwel vok. *e.i.* Eż: *tinda* minn *tenda; virga* minn *verga; lixka* minn *esca.*

*Mudell BORŻA*

| *Nisel barrani* | *Nisel semitiku* |
|---|---|
| Konka | Qoxra |
| forka | qotna |
| forma | għoqda |
| tomna | għoġla |
| morsa | għorma |
| ronda | ħolqa |
| fonġa | roqgħa |

2. *Assimilazzjonijiet tal-Vokali fi kliem Malti mit-Taljan jew mill-Isqalli.*

| | |
|---|---|
| Ballarina (Tal. ballerina) | tantazzjoni (Tal. tentazione) |
| bonosira (Tal. bonasera) | viżikant (Tal. vescicante) |
| pavaljun (Tal. padiglione) | ġandarm (Tal. gendarme) |
| standard (Tal. stendardo) | bandalora (Tal. banderuola) |
| pitirross (Tal. pettirosso) | vitirjata (Tal. vetriata) |

3. *MISTRIEĦ* (*nom*) *u MISTRIEĦ* (*aġġettiv*).

Il-Prof. Ġ. Aquilina fl-aħħar ħarġa ta' LEĦEN IL-MALTI jagħti xi tagħrif dwar il-kelma *mistrieħ* li fil-Malti hija użata sew bħala *nom* kemm bħala *aġġettiv*. Bħala żieda ta' dak li fisser il-Prof. Aquilina, xtaqt nagħmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il forma morfoloġika ta' dil-kelma fiż-żewġ funzjonijiet tagħha fil-Malti:—

Illi l-forma tal-kelma *mistrieħ* (*miqtiel, mistqiel* jew *mistqâl*) issibha sew bħala *nom* kemm bħala *aġġettiv* mhix ħaġa eċċezzjonali. Bħala *nom* ara *muftieħ* (minn *fetaħ*) *miżien* (minn *wiżen*). Bħala *aġġettiv*, ara *mistgħân* (minn *għan*).

L-iktar li taqbel mal-forma *mistrieħ*, bħala *aġġettiv*, hija l-kelma *mistgħân*, imnissla bħal *mistrieħ* mill-verb moħfi tal-10 forma. Fil-Malti qajla ssib *nomi* verbali mill-forma mnissla li jaqblu mal-forma *mstrieħ* (nom).

Bħala *nom* għandna il-kelma *mustarâħ* fil-Għarbi Eġizzjan li taqbel mal-kelma Maltija *mistrieħ*, kif ukoll il-kelma *mustarâħ*, imsemmija mill-Prof. Aquilina minn Beaussier, *nom* mimmat tal-forma mnissla *istaraħa* (Għarbija) u ta' *strieħ* (Maltija).

Il-forma *mustarîħ*, jew *mostariħ*, bħala *aġġettiv*, li nsibuha sew fil-Beaussier kemm ukoll f'dizzjonarji ta' l-Għarbi, ta' l-Affrika ta' Fuq, ma tinsabx morfoloġikament fil-Malti, imma iva taħt il-forma ta' *misrieħ* li taqbel morfoloġikament ma seħbitha *mistgħân*, mibnija fuq il-forma *stgħan* bħal *strieħ*, u mnisslin ukoll *minn* verb moħfi bħal *strieħ* minn *raħ*.

Naraw, għalhekk, li morfoloġikament il-kelma *mistrieħ*,

bħala *nom*, taqbel mal-forma Għarbija *mustarâħ*, imma bħala *aġġettiv* ma taqbelx mal-forma Għarbija *mustarîħ* jew *mostariħ*, imma taqbel biss mal-forma *mistgħan*. Jista' jkun, wara kollox, li b'analoġija, tan-nom *mistrieħ*, il-kelma *mustarîħ*, Għarbija, fil-Malti saret fonetikament *mistrieħ*.

4. *Il-Kastell Sant'Anġlu fiż-Żminijiet tan-Nofs. Prerogativi tal-Fewdatarji.*

Fi żmien il-fewdaliżmu f'Malta, Malta kienet maħkuma minn fewdatarji b'titlu ta' Kontijiet jew Markiżi. Id-dar, fejn soltu jgħammar il-fewdatarju, kienet il-Kastell (*Castello a Mare*), il-lum Sant'Anġlu mibni taħt in-Normanni. Dan il-post magħżul mill-Konti jew Markiż kien juri s-setgħa li dana kellu mir-Re fuq il-baħar (karika li kellu wkoll il-Kastellan u t-Titolari tal-Kappella tal-Kastell b'ħatra mir-Reġina Bianca fl-1409), kif ukoll is-setgħa Komunali, jiġifieri tal-Gvern Ċivili tal-Gżira.

Il-fewdatarju kien, għalhekk, jippreferixxi li jkollu daru fil-Kastell milli fil-Belt ta' l-Imdina. Din il-furtizza lill-karika tal-Konti kienet tagħtih ċerta indipendenza li twieġeb għat-territorju fewdali tiegħu, bil-karika ta' Ammirall u kariki oħra mogħtijin lilu mir-Re — maqtugħ għalih saħansitra f'dik li hi ġurisdizzjoni spiritwali tal-parroċċa tas-sobborg.

Ma jistax wieħed ikun jaf sewwa b'liema pattijiet il-Konti jew Markiż ta' Malta kien marbut mar-Re meta dan taħ il-pussess tal-Gżira bit-titlu ta' Konti jew Markiż u x'setgħat kellu għal dawk li huma drittijiet ta' ħaraġ, tassi jew dazji. Iżda, mill-banda l-oħra, jidher li l-fewdatarji, jekk ma kellhomx bi dritt xi setgħat fuq xi risorsi, dan id-dritt kienu iktarx jeħduh b'idejhom kif naraw mill-protesti u lmenti tal-poplu meta dan talab kemm-il darba li l-Gżira ma tibqax taħt is-sjied fewdatarji minħabba t-tagħkis ta' ħaraġ, sisa jew taxxi li huma drittijiet tas-Sultan.

---

**Qatt ma kien hawn poeta li ma kellux qalbu flokha.**

**— (Emerson) —**

**Għadni qatt ma ltqajt ma poeta li ma kienx jidhirlu li hu l-aqwa wieħed. — (Ċiċerun) —**

**Iċ-Ċiviltà mhix rebħa wara oħra fuq in-natura.**

**— (William Harvey) —**

# Zieda ta' Kliem u Tifsir

TA' V. MIFSUD BONNICI
(*miġjub minn G. Cassar Pullicino*).

(*Jaqbad ma' "Leħen il-Malta"*, *Għadd* 251-253).

ĦARĠA — Qisu kemm tieħu jew toħroġ tant; kemm tagħti ħaraġ darba; ngħidu aħna, kemm minn hawn u hinn. Ngħidu *ħarġa t'Adam, tursin, patata,* meta jkunu mħawwla fl-art. Bħalkieku jkunu jiżirgħu jgħidu *Imxew ħarġa.* Tisma' wkoll *kull ġnien tas-saqwi għandek issiblu l-ħarġa tal-qasab. Ħa ħarġa* jiġifieri, ħa t-trab ma' saqajh, e.g. *Kien jieħu kull ħarġa l-kelb mill-għalqa*!

ĦAWWIEFA — Il-ħawwief dari jiġi f'Marzu, jibqa' s-sajf kollu. La jtajjar għal Awissu jmur. F'April u Mejju jbid. F'April jistaduh bix-xlief tas-sunnara b'naqra waħda tajjar, għax ikun iġorr.

ĦEJJEB, IĦEJJEB — Bħal hedded. *Ħejjibli,* i.e. qalli: "Eħ! x'nagħmillek!" "Il-baqra tħejjeb meta taħbat tati b'rasha".

ĦELES — Kien, ikun ħafif, ma kellux, ma għandux xi jtellfu. "*Avolja kellha fuq id-disgħin sena mil-lsien kienet għadha teħles.*

ĦENDEB, IĦENDEB — Kiel qatigħ. *Tkun taħdem bil-fies tħendeb id-dinja; ikollok ħbiżtejn tħendibhom.*

ĦERQA — Teħriq, tisħin. *Il-bhejjem u s-siġar jagħmlu l-ħerqa* (jisħnu).

ĦEMER — Demmu tqarqaċ. *Meta ż-żiemel jeħmer tnaqqaslu mill-ġwież u żżidlu fil-magħlef.*

ĦOROF, JOĦROF — Waqqgħu, iwaqqgħu s-siġar weraqhom fil-ħarifa.

ĦOROT, JOĦROT. — Qata', jaqta' l-weraq tas-siġar għall-ħarifa.

ĦOŻŻIEQA — Qatta' ċkejkna ta' hiex tkun. *Ħożżieqa silla, ħożżieqa xewk, ħożżieqa tiben.* Qabda, ftit: *Ħa ħożżieqa, għamlet ħożżieqa ġmielha xita*!

ĦRUQ — Mess fl-uċuħ tar-raba' ġej minn nixfa żejda fl-ajru.

ĦXUNA — Dak li jinqata' bħala telf lill-bejjiegħa tal-maħluq tat-tigdim taż-żerriegħa li tgħaddi r-raddiena tal-ħalġ.

I

IBBUŻOFFJA, JIBBUŻOFFJA — Iżżuffjetta.

IDDA, JIDDI 'L BARRA — Esportare, to export

IDDAQQAQ, JIDDAQQAQ — Żamm ruħu fuq tiegħu bħalli-

kieku biex jinki jew għax għandu biex; isserdek. Tfisser ukoll naqas, jonqos, e.g. *Iddaqqaqt minn l-aħħar li rajtek.*

IGGAFFA — Iggrunċja.

ILMA — *Taħt l-ilma,* hażin għal min hu marid. *Tinsab taħt l-ilma, ikollna nagħmlulha l-għodda t'Alla.*

IMBARRA, JIMBARRA — Barrare, to barricade.

IMMALLAT — Liebes kif ġie ġie.

IMMUTA, JIMMUTA — Jitbikkem, ma jgħajjatx. *Iċ-ċief bir-riħ mill-art jimmuta.*

IMPELLETTA — Ġejja mit-taljan *ampolla, ampolletta.* Bħal deffus li jimlewh bir-ramel u jkollu t-toqob taħt mnejn jinżel biex jgħoddu l-ħin bih skond kemm jinżel; il-ħin li tieħu biex tifriegħ, nofs siegħa. e.g. *X'ħin jibqa' mpelletta.*

INCOTLA. Wasal ta' mita ma tistax tgħaddi 'l quddiem iktar imħabba xi għaqqux jew tgerfix; la 'l hawn u la 'l hinn. Deadlock, at a standstill. *Bqajna ncotla.*

INĠIZZI — Inġenji; Eng. *gear.* *Ġabru l-inġizzi u marru.*

INGLIŻA — Minnflok Ħaxixa Ngliża. "Fost il-ħaxix tar-Rebbiegħa l-ewlenin huma l-Ingliża, il-ġarġira u s-suffejra; il-pepprina u x-xniena jidhru l-aħħar fil-mergħa".

INGLESSA, JINGLESSI — Għamel, jagħmel kontrapont jew xekkek it-tarf tad-drapp (fejn ma jkunx hemm ħâxja) biex ma jinstiletx.

INKISS INKISS — Siksnijiet, minn taħt, bħal min jagħmel xi ħaġa bil-moħbi u jkiss jew jgħasses l hawn u l hinn biex jara humiex jarawh. "Il-ħallelin qabel ma jaħbtu għalik ikissulek".

INTIBEK — Tinħall fi trab irqiq bħar-raba' marħut tajjeb. "Ngħaddu bil-moħriet kemm tintibek l-art". L-art tkun intibket mita tiġi sewwa bix-xogħol, ma beqgħetx bit-tub.

IRLINGA, JIRLINGA. Kilm tal-baħar. Talla' l-arbuletti fuq. *Irlingaw il-qlugħ.*

ISSAQQAR, JISSAQQAR. — Waqaf fl-ajru jew baqa' ċass fuq ġwenħajh miftuħa bħalma jagħmel is-seqer. "Is-seqer, il-bies, il-kokka, l-omm is-sibien, il-kuċċarda, l-ispanjoli, il-ħut-taf, ir-runduni, iċ-ċief il-gawwi u ħafna oħrajn kollha jissaqqru."

ISSERDEK — Tala' twil u rqiq. "Il-ħaxix fir-rkejjen u fid-dell jisserdek".

ISSEMLAĦ — Beda jittieħed biż-żlieġ l-ajru, jarma jiddennes bi rqajja' rqajja rqaq tas-sħab. "L-ewwel l-ajru beda jissemlaħ".

IXHEB — Bejn iswed u abjad. "Debba xehba; ħmar u bagħal ixheb". "Żiemel li jibda jixhieb jew jersaq biex jibjad l-abjad tiegħu jibda minn moħħu". "Bedgħet rasu xehba", i.e.

bida jibjad xagħru.

IXXAMPLA, JINXAMPLA — Ġie mitluq ħieles fir-riegħi. "L-ilma jinxampla mal-ġnieb tad-dgħajsa" i.e. jaħbat, jilgħab.

IXXOXXA — Tperreċ kemm felaħ fl-arja.

IŻŻAMBAR, JIŻŻAMBAR — Isaħħaħ, jissaħħaħ, bħal jixkatta bil-qawwa. "It-tagħam jiżżambar", i.e. jimla tajjeb, jitla' bi tlieta jew erba' saffi.

IŻŻENNAQ — Tisnieħ, titlef mit-togħma. Dik il-ġbejna li tkun ftit qadima tibda tiżżennaq".

IĊĊANTA, JIĊĊANTA — Ħalla, telaq urajh. Abbandonare. To foresake.

IXXEWWEL, JIXXEWWEL — Trewwaħ, jitrewwaħ.

ITTERRA, JITTERRA — Sar, isir tari. "Il-laħam li jgħaddi ftit jiem minn fuqu jitterra u jitjieb".

IRRAXKA JIRRAXKA — Barax, jobrox bħal meta tgħid tirraxka ċ-ċangaturi bil-barraxa jew raxkatur.

IFUĦ — Nieqes; sar mixtieq, beda jidher iktar fil-bgħid. "Ix-xita tibda tfuħ fi Frar" i.e. tiskarsa.

IGGONTA, JIGGONTA — Ġieb, iġib (il-kaċċatur) it-tajriet li jkun se jispara għalihom bi dritt xulxin. "Araħ xi jdurilhom dawk iż-żewġ telleriti biex jiggontahom".

JILLAJRA, JILLAJRJA — (għal għajnejn) Iħares imberraq lejn l-ajru bħal min bla jies ifittex xi ħaġa fil-bogħod u ma jafx x'jibda jagħmel "Għajnejh jillajraw". (*Jissokta*).

# Il-Poezija ta' Betlehem

Betlehem......! Melodija ħelwa għasel ta' sillabi f'din il-kelma Lhudija, li bħall-fwieħa bellusija tħossha tmellislek is-sensi u tinfidlek u tinħall ġol-fibri ta' moħħok u ġol-vini ta' qalbek. U ġol-Jien tiegħek tibqa' tinfirex iż-żegħila tal-kadenza mużikali tidwi ġo fik fl-oħla polifonija ta' sensazzjonijiet u assoċjazzjonijiet......

Malli biss tlissen l-isem ta' Betlehem, fuq ġbinek donnok tħoss bewsa divina li tregħidlek ġismek u moħħok b'intwizzjonijiet intimi, bħalma jitħarrek ħelu ħelu l-oriżżont ħiemed maż-żiffa lelliexa tar-raġġi fiż-żerniq tax-xemx. U bħal bizzilla prismatika tperper fil-fantasija tiegħek, bi ħsibijiet u tifkiriet u sentimenti l-aktar ħelwin u sempliċi li jhennulek qalbek b'ferħ misterjuż......

Imma mas-sillabi ta' Betlehem jinħassu mħallta noti oħra ta' l-isem soavi Emmanuel...għax donnok fil-kelma Betlehem tilmaħ benniena b'Bambin divin mimdud fuqha waqt illi fil-fwieħa smewija tal-kelma tisma u tħoss in-nifs infantili tal-Bambin Ġesù — nifs ħelu safi li jħaxwex ġentili madwarek... u tara t-tbissima purissma fuq il-ħaddejn Verġinali tat-Tfajla

Nazarena, b'ħarsitha mbexxqa tadura d-Divinità nkarnata fuq sidirha...

Mill-kampnari tar-raħal qed jinżlu u jitferrxu ferħana l-ilħna tal-qniepen imħallta mal-kant u l-għajjat ħlejju ta' mijiet u mijiet ta' tfal...Donnu r-raħal inbidel f'sider żagħżugħ li fl-enerġija ta' demm ġdid qed jivvibra minn qalb waħda; imma fil-knisja ċkejkna tinsab il-qalb li qed tiġġenera dan il-ferħ; fit-tabernaklu fl-Ostja kandida, bajdana li qed tirradja raġġi ewkaristiċi ta' mħabba ntensa, ntensa...

Eku etern tat-twelid ta' Emmanuel fil-faqar ta' Betlehem; L-Imħabba li tfawwar is-smewwiet, niżlet fl-art fost sinfonija pastorali biex tbus u tgħannaq u tifdi u tħobb lill-Bniedem kiefer u ngrat...Bħan-nixxiegħa ħierġa tgelgel mill-blat li tiftaħ u titwal fi xmara hekk it-tregħida tal-Bewsa ta' Imħabba nisslet l-Ostja għal dejjem vibranti bit-taħbit ta' Qalb ġeneruża...

F'dawn il-jiem grandjużi, donnha fin-nir tas-sema tgħaddi kewkba feġġa', li ċċarrat l-infinit ċelesti u tinfirex fuq l-art fi rxiex ta' xrar li bħaż-żġieġ tal-linfa jilma u jlewwen kullimkien... u fl-istess ħin bħal nida donnha titnikker biex tgħatti u taħbi għal ftit ir-Realtà ħarxa, kerha tal-ħajja u ġġiegħel lill-ħarsa għatxana tal-Bniedem tħares imsaħħra madwarha f'kuluri oħra waqt illi mnifsejk jitpaxxew b'atmosfera oħra iktar safja, sempliċi u serena...

Għalkemm il-Bniedem illum, maqbud u mħabbel fl-għanqbut u fix-xibka ta' ambjent pagan, ma jagħrafx alla ieħor ħlief il-Jien u l-Ġisem tiegħu,......imma f'dawn il-mumenti għeżież, oħ Bambin Ġesù, jersaq Lejk f'estasi xewqana għall-benna ta' ħlewwitek...sabiex iħoss l-inċens tal-presenza tiegħek tinfiltra u tfur ġol-labirint intimu ta' moħħu u tqajmu min-ngħas tar-ruħ li qed inixxef iż-żerriegħa spiritwali fil-qxur tal-apatija...

U bħall-mewġa li wara t-tgħanniqa mal-blata nfexxet daħkana fir-ragħwa fexfiexa, hekk il-messaġġ anġeliku jinfirex fuq mewġiet ir-riħ li jonfħu u jħallu f'kull inħawi, żiffa ta' ferħ u ta' paċi...

Iżda hemm araħ ix-xitan jitkagħweġ fit-tajn maħmuġ tal-abbiss sewdieni; iddisprat f'dagħa tad-dlamijiet...jheżheż snienu u jfaqqa u jħabbat u jsabbat ġwenħajh infernali...għal xejn, għax tqal jintnu bil-ħmieġ tad-dnub...

Oh Emmanuel ħanin...oh Tfajjel Ġesù urina u mexxina Inti mal-mogħdija li tieħu għal Betlehem — l-oasi waħdanija mitlufa fis-Sahara ta' din id-dinja, fejn taħt d-dellijiet ħadrana u kennija; ngħixu hienja, serħana fl-Imħabba, bgħid mir-ramel jikwi u mill-irwiefen tat-tentazzjonijiet li jvenvnu qerrieda fil-baħħ. Hemmhekk, biss, fl-aħħar insibu Eden ieħor — Eden ideali jfuħ b'Epoka ġdida ta' għaqda ta' paċi u ta' Mħabba.

*Grazio Falzon*

## REĊENSJONIJIET

**"TLITT IQLUB" — Damma ta' għana minn Ġużi Abela, Manwel Cassar, u John Seiberras, b'kelmtejn qabel minn Karmenu Vassallo, 1953.**

Snin ilu Dun Karm, l-ixjeħ u l-akbar poeta tagħna, ħassu jitħenna u jitgħaxxaq bl-ewwel bukketti ta' ward fir-rebbiegħa ta' l-Ilsien Malti. Minn xi għoxrin sena 'l hawn il-Letteratura tagħna baqgħet tisbieħ u twarrad dejjem. Il-poplu tagħna beda jduq u jitpaxxa bil-ġmiel tal-kitba Maltija, ħa nteress kbir fil-qari ta' kotba, rivisti u gazzetti bil-Malti (li minnhom għandna għadd tassew sabiħ), u wera li tassew iħobb jisma' minn fuq ir-Rediffusion ix-xandir ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti.

Din it-twarrida u din il-laqgħa sabiħa mill-poplu jixhdu tajjeb li l-poplu tagħna għandu għal qalbu Lsien artu. Imma fost il-friegħi kollha tal-Letteratura, l-aktar li xxettlet u warrdet hi l-Poeżija. Kull ġenerazzjoni, bħal kull staġun tal-ward, qiegħda tagħtina demm ġdid ta' żgħażagħ imħeġġin għall-kitba tal-Poeżija. Ma rridux ngħidu li dawn huma kollha poeti, imma wieħed, tnejn jew iżjed ikollhom fihom il-vina poetika.

Quddiemna għandna bukkett ċkejken ta' ward ifuħ, maqtugħ mill-ġonna sbieħ ta' tliet żgħażagħ li x-xtieli tagħhom iwiegħdu li jagħtuna ward isbaħ 'il quddiem. Din il-ġabra ta' poeżiji, imsemmija tajjeb "TLITT IQLUB", hi mera tal-qalb u tar-ruħ ta' dawn it-tliet żgħażagħ. Fosthom, l-aktar imlaħħaq jidher li hu Manwel Cassar li f'ħafna poeżiji tiegħu jinħass, f'dehriet ta' ġmiel u qawwa, l-element romantiku bħal meta jgħanni:

*"kont inħoss fija, x'imkien 'Misfel f'qalbi,*
*mill-qiegħ jitqanqal baħar kbir ta' dmugħ —*
*dmugħ li taf biss il-qalb li tħobb fis-sewwa*
*xħin tara t-talb ħerqan fl-aħħar mismugħ."*

Il-poeżija ta' Ġużè Abela, fil-biċċa l-kbira hi lirika, b'metafori sbieħ, li togħġob fis-sempliċita tagħha. Aqra din l-istrofa:

*"B'saħħet il-qawwa tiegħi*
*Id-dar ta' ħajti bnejt,*
*Żejjint il-ġnub bir-rand, u l-ġnien bil-fjuri,*
*U ġewwa fiha nħbejt."*

Fil-poeżija ta' Seiberras nammiraw il-qawwa u s-sbuħija ta' l-immaġinazzjoni li tidher fil-varjetà u fil-ħsibijiet, xi wħud minnhom profondi, li tiltaqa' magħhom fil-poeżiji tiegħu. Aħna li doqna l-poeżija bnina ta' dawn it-tliet żgħażagħ, nixtiequ li ma tinxef qatt f'qalbhom din il-fawwara u tkun, fi kliem Seiberras bħal

*"L-ilma tal-Ġmiel għaddej igelgel jiġri,*
*safi u ileqq fid-dawl fiddien tal-qamar,*
*Jaqbeż minn fuq il-blat u jċarċar dejjem*
*mingħajr waqfien."*

D.F.C.